MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 295/1998/1

**Melanie Borg Cachia**

**vs**

**Joseph Borg**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici zzewget lill-konvenut fl-24 ta' Marzu 1995 (*vide* Certifikat taz-Zwieg – Dok. "A");

Illi l-konvenut kien l-ewwel guvni li l-attrici harget mieghu u z-zwieg gie kuntrattat meta z-zewg partijiet kienu ta' eta' zghira;

Illi l-attrici konsistentement insistiet sabiex tittronka l-gherusija taghha mal-konvenut, izda kemm il-familjari tal-konvenut u fuq kollox il-konvenut kienu jezercitaw pressjoni qawwija fuq l-attrici sabiex tiddezisti milli taghmel dan, tant illi l-konvenut kien jhedded lill-attrici illi jekk tittronka l-gherusija huwa kien ser inehhi hajtu b'idejh, u l-attrici fl-eta' tenera taghha, issokkombiet ghal tali pressjoni;

Illi ghaldaqstant il-kunsens tal-attrici kien ivvizzjat *stante* illi nkiseb bi vjolenza morali u kien ir-rizultat ta' biza' da parti tal-istess attrici;

Illi l-kunsens taz-zewg partijiet kien ivvizzjat ukoll b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, u dan kif ser jirrizulta ahjar mill-provi li ser jigu prodotti;

Illi wkoll illi l-konvenut kien affett minn impotenza, liema mpotenza  kienet tezisti anke qabel gie kkuntrattat iz-zwieg bejn il-partijiet;

Illi ghaldastant iz-zwieg ikkuntrattat fl-24 ta' Marzu 1995 mill-attrici mal-konvenut huwa null u bla ebda effett fil-ligi *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (a) u/jew (d) u/jew (e) tal-kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg ikkuntrattat fl-24 ta' Marzu 1995 mill-kontendenti huwa null u bla ebda effett fil-Ligi *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (a) u/jew (d) u/jew (e) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta**;

2. Taghti dawk il-provvediment l-ohra kollha li jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispjejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tat-3 ta’ Dicembru 1998 a fol. 10 fejn gie eccepit:-

1. Illi l-esponenti jaqbel mal-fatti dikjarati fl-ewwel paragrafu tad-dikjarazzjoni tal-attrici.

2. Illi in kwantu ghat-tieni paragrafu, la huwa minnu li l-esponenti kien l-ewwel guvni li qatt harget mieghu l-attrici u lanqas huwa minnu li z-zwieg gie kkuntrattat meta z-zewg partijiet kienu ta’ eta’ zghira. L-attrici kellha (19) dsatax-il-sena filwaqt li l-esponenti kellu erbgha u ghoxrin (24) sena meta gie kkuntrattat iz-zwieg.

3. Illi l-esponenti jichad kategorikament dak kollu ddikjarat fit-tielet paragrafu. Illi m’huwiex minnu li l-attrici qatt uriet lill-esponenti li xtaqet tittronka l-gherusija. Anzi kienet hi li nsistiet fuq id-data taz-zwieg, data li kienet aktar kmieni minn dik li kien issuggerixxa l-esponenti.

4. Illi ghalhekk l-esponenti jichad ukoll dak iddikjarat mill-attrici fir-raba’ paragrafu.

5. Illi in kwantu ghall-hames paragrafu l-esponenti jaqbel mal-fatti ddikjarati in kwantu attribwibbli lill-attrici. Illi l-attrici kienet immatura hafna u dipendenti totalment fuq ommha u ghalhekk il-kunsens taz-zwieg taghha kien ivvizzjat b’difett serju tad-diskezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga w fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg.

6. Illi l-esponenti jichad kategorikament peress li la kien u lanqas ma hu affett minn impotenza.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 11 tal-process.

Rat il-verbal tal-11 ta’ Marzu 1999 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Greta Agius bhala Perit Legali biex tigbor il-provi u tirrelata.

Rat in-nota tal-attrici Melanie Borg Cachia tal-25 ta’ Gunju 1999 li permezz taghha esebiet l-affidavits taghha stess, ta’ Doris Sammut Cachia, ta’ Anthony Cachia u ta’ Angela Sammut.

Rat il-verbal tat-28 ta’ Gunju 1999.

Rat in-nota tal-konvenut datata 6 ta’ Lulju 1999 li biha rriserva l-kontro-ezami tax-xhieda tal-attrici.

Rat il-verbali tas-17 ta’ Jannar 2000 u tad-29 ta’ Mejju 2000.

Rat in-nota tal-konvenut tad-29 ta’ Mejju 2000 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu stess.

Rat in-nota tal-attrici datata 16 ta’ Gunju 2000 fejn irriservat il-kontro-ezami tal-istess konvenut.

Rat il-verbali tad-29 ta’ Novembru 2000; tat-23 t’April 2001; tat-8 t’Ottubru 2001; u tas-6 ta’ Novembru 2001.

Rat in-nota tal-konvenut tal-1 ta’ Marzu 2002 li permezz taghha esebixxa l-affidavit ta’ Mary Borg.

Rat il-verbali tas-6 ta’ Marzu 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema’ minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; tad-29 ta’ Mejju 2002; tat-22 t’Ottubru 2002 fejn il-Perit Legali Dr. Greta Mifsud Agius ikkonfermat ir-rapport taghha bil-gurament; u tal-20 ta’ Novembru 2002 fejn Dr. Chris Cilia ghall-attrici rrimetta ruhu ghar-rapport u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 29 ta’ Mejju 2003

Rat ir-rapport tal-Perit Legali u s-seduti minnha mizmuma, ix-xhieda hemm moghtija u d-dokumenti hemm esebiti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi **l-attrici** tispjega kif hi u l-konvenut iltaqghu meta hi kellha sittax-il sena u l-konvenut kellu tnejn u ghoxrin (22) sena. Huma zzewwgu f'Marzu, 1995 u cjoe' tliet snin wara u meta hi kellha (19) dsatax-il sena u l-konvenut kellu (25) hamsa u ghoxrin sena.

Illi l-attrici tispjega kif Il-konvenut kien l-ewwel gharus li kellha u li sakemm kellha lilu qatt ma kellha *boyfriends*, izda subien hbieb biss. L-attrici tistqarr li l-gherusija taghhom damet ghal tliet snin u dan il-perjodu kien karatterizzat minn hafna glied kontinwu, tant li gieli telqitu, izda dejjem ghal zmien qasir u dan ghaliex kien jaqbad jibki u sahanistra kien ighidilha li kien ser imur jaqbez. L-attrici stqarret ukoll illi hi kienet qalet lill-omm il-konvenut li riedet titilqu, izda anke ommu kienet giet tibki ghandha sabiex jirrangaw u li bezghet li kif kien seta' jiehu *shock* fuq ix-xoghol. Xi gimaghtejn qabel it-tieg, l-attrici tghid li l-konvenut kien sar jaf b'xi guvni mill-Mellieha li kellu grazzja maghha. Izda minkejja li hi qatt ma harget mieghu, il-konvenut insista li kellha tghidlu b'dan il-guvni. Dakinhar spiccaw biex kellhom glieda u hi fil-hin u fil-mument qalet lill-konvenut li kienet qed titilqu, izda hu rreagixxa billi beda jidghi, isuq bl-addocc u qalilha li kien ser imur jaqbez. Hi tistqarr li bezghet li kien ser ikollu ncident u regghet irrangat mieghu u wieghditu li ma kenitx ser tghid lill-genituri taghha. Hi tispjega li kien ghad ghandha biss dsatax-il sena u kienet waqghet ghal pressjoni u biza' tal-konvenut. Illum tammetti li ghamlet zball.

Illi l-attrici tkompli tispjega illi wara' tliet xhur li kienu ilhom johorgu flimkien, kienu bdew jidhlu ghand xulxin u kien minn hemm li l-hrug taghhom naqas sew u hafna mill-hin kienu jqattghuh ghand id-dar tal-genituri rispettivi taghhom.

L-attrici tispjega illi fir-relazzjoni taghhom kellhom hafna ndhil mill-familjari tal-konvenut. Kienu jippretendu li ma jdumux barra meta kienu johorgu flimkien. Missier il-konvenut kien johrog maghhom ta' sikwit, anzi kwazi kull darba. L-attrici tkompli tispjega li meta missier il-konvenut kien jakkumpanjahom kien jippretendi li joqoghod quddiem u l-attrici kellha toqoghod wara. Hu kien ighidilha li *"post it-tfal wara" .*

L-attrici tispjega illi hi kienet ippruvat tfiehem lill-konvenut sabiex jipprova jkellem lil missieru, izda m'ghamel xejn biex jirranga s-sitwazzjoni, anzi kien ighidilha li missieru kellu ragun. Fil-fatt is-sitwazzjoni baqqghet l-istess sakemm izzewgu.

Illi l-attrici kienet marret tkellem lil Patri Manwel Abela tax-Xemxija, u kienet qaltlu li kellha d-dubji taghha dwar ir-relazzjoni taghha mal-konvenut. Pero' Patri Abela kien qalilha li maz-zwieg, il-konvenut jinbidel ghaliex ma jkunx hemm indhil aktar mill-familjari tieghu.

Illi l-istess attrici tispjega kif il-konvenut ma kienx jinvolvi ruhu fil-preparamenti taz-zwieg, kienu ghamlu kollox hi u l-familja taghha. Xehdet illi ghalkemm hi u l-konvenut kienu jitkellmu li xtaqu jkollhom tfal, mill-banda l-ohra qatt ma kienu jitkellmu dwar il-kuncett ta' zwieg, id-drittijiet u dmirijiet li jgib mieghu dan iz-zwieg.

Illi wara z-zwieg, il-partijiet marru joqoghdu god-dar tan-nanna u dan wara li hadu s-suggeriment tan-nanna, li ma kellhomx jidhlu fid-dejn u dan l-aktar ghaliex l-attrici ma kenitx tahdem, allavolja kienet isegwi kors tal-*hairdressing*.

Illi l-attrici tispjega illi tul l-gherusija taghhom hi kienet tattendi l-iskola tal-*Hairdressing*, izda l-konvenut kien igerger. Fil-fatt, meta bdiet tahdem, kienet tahdem biss darba fil-gimgha ghaliex ma kienx iridha tahdem izjed.

Illi tkompli tispjega li tul l-gherusija hi qatt ma kellha relazzjonijiet sesswali mal-konvenut u tghid li l-konvenut stess tul it-tliet snin li damu gharajjes qatt ma kien ifittixha.

Dakinhar tat-tieg, l-attrici tkompli tghid li l-konvenut evita li jkollhom relazzjonijiet intimi u dan minhabba li kien ghajjien. L-ghada kienu kkunsmaw iz-zwieg taghhom u tant kemm kienet iffittatu ghax qal li rega' kien ghajjien.

Illi l-attrici tkompli tispjega li anke waqt il-*honeymoon*, ir-relazzjonijiet intimi bejniethom ma kienux regolari u minflok kienu jqattghu hafna hin jiggieldu. Darba minnhom sahanistra Janet Hills, habiba li kienu qed joqoghdu ghandha kecciet lill-konvenut barra wara li beda jghajjat u jidghi mal-attrici.

Illi rigward ir-relazzjonijiet sesswali bejniethom, l-attrici tghid li l-konvenut kien idum hafna jaghmel l-att taz-zwieg.

Illi l-attrici tispjega kif huma xtaqu t-tfal, izda ma kenitx inqabdet tqila. Kien ghalhekk li kienet staqsiet lil ommha jekk l-att taz-zwieg taghhom kienx normali. Il-konvenut kien iwahhal fiha u ghalhekk marret ghand Dr. Alberto Vella sabiex taghmel it-testijiet necessarji, fosthom *smear test*, u *ultra sound*. Dr. Vella kien ikkonfermalha li kien kollox sew u kien issugerixxa li ghandha tiehu xi pilloli u anke kors t' *injections* ghal perjodu ta' tliet xhur, u wara dan il-perjodu kellha tohrog tqila, pero' dan ma sehhx.

Illi l-attrici tispjega kif hi u l-konvenut regghu marru ghand Dr. Vella u wara li ezamina lill-konvenut kien sab li kellu t-testikoli zghar u ghalhekk kellu jissottomettih ghal-testijiet ohra, fosthom *sperm test*, li minn dan it-test irrizulta li kien hemm xi problemi.

Illi minhabba dawn ir-rizultati, Dr. Vella kien rega' ppreskriva lill-konvenut jiehu kors ta' *injections* tliet darbiet fil-gimgha ghal zmien tliet xhur. Il-konvenut kien irrifjuta li jiehu l-*injections* ghax kien jibza' mill-labra u ghalhekk Dr. Vella kien ippreskrivielu pilloli li dam jiehu ghal tliet xhur. L-attrici tiddikjara illi hi kienet baqqghet tiehu l-kors tal-pilloli kif ukoll tal-*injections*, mhux ghax kellha bzonnhom izda sabiex tkun taf id-data ezatta tal-*ovulation*.

Illi wara, l-attrici u l-konvenuta kienu marru ghand ginekologu iehor Dr. Scerri li ghamilhom xi testijiet ohra,

fosthom *sperm test*, u minnhom irrizulta li l-konvenut ma kien ghamel l-ebda progress u kellu l-istess problemi.

Illi kull meta l-konvenut kellu jaghmel l-*isperm test*, kienet tmur mieghu u kien idum xi tliet kwarti jew siegha fil-*bathroom* tal-*clinic*.

Dr. Scerri kien imbaghad irrefera lill-konvenut lil Dr. Josanne Vassallo, esperta fuq l-irgiel u din kienet irreferiet lill-konvenut sabiex jaghmel xi testijiet tad-demm l-Isptar St. Luke's, izda ma kienx komplihom ghaliex kien hassu hazin. Kien mar lura d-dar u kien beda jghajjat u jidghi mal-attrici. L-attrici tispjega kif dakinhar meta l-konvenut kien gie lura d-dar kien hemm ommu u ommha. Ommha kienet issuggeriet li forsi kien ikun ahjar li jmorru jkellmu patri jew *counsellor*. Omm il-konvenut ma tantx hadet gost bl-idea ghax hasset ma kienx lat li joqoghdu jikxfu l-affarijiet personali taghhom man-nies.

Illi l-attrici, madanakollu tistqarr illi hi xorta wahda kienet marret ma' ommha ghand Dun Anton Dalli, mill-Moviment ta' Kana f'Awissu 1996. L-attrici tispjega li hi kienet spjegat kollox li Dun Anton u qaltlu bil-problemi kollha li kellhom. Hi ma kienitx qalet lir-ragel taghha b'dan ghaliex kien kontra l-*counselling* u dan ghaliex kienet hasset hekk ommu. Dun Anton qallha sabiex tiehu pacenzja forsi minn naha tal-konvenut l-affarijiet imorru ghal ahjar. Pero', l-attrici tispjega li l-konvenut ried imur ghand *counsellor* meta kienet iddecidiet li ser titilqu u dan ghaliex ghal darba ohra ommu kienet issuggeriet, kuntrarjament ghal dak li kienet issuggeriet qabel. Din id-darba l-attrici tghid li irrifjutat ghaliex kien tard wisq.

Illi l-attrici tkompli tghid li f'dak iz-zmien il-problemi ta' bejniethom kienu zdiedu, specjalment meta kien jidher li l-problemi sabiex ikollhom tfal kien gej mill-konvenut. Il-konvenut kien jhedded lill-attrici li jekk ir-rizultati kienu negattivi kien se jkissirha bil-karozza u bdiet tibza' tant li kienet titlob lil ommu tmur maghhom. L-attrici tkompli tispjega kif missierha kien dispost li jhallas l-ispejjes li kien hemm bzonn sabiex issir *artificial insemination*, izda l-

konvenut ma riedx u lanqas ma ried jaddotta ghaliex kien ighid li dawn it-tfal kienu *“bghula ta’ haddiehor”.*

Illi l-attrici tiddikjara li l-konvenut ma setghax jaccetta li kellu problema. L-attrici kienet ukoll issottomettiet ruhha ghal operazzjoni ta’ *laporoscopy,* li minnha rrizulta li kellha kollox normali. L-attrici tispjega kif wara li giet *dismissed* fil-ghodu, il-konvenut ma marx ghaliha hlief wara l-erbgha ta’ wara nofsinhar u lanqas halliha ccempel lil missierha. Ukoll il-konvenut kien ipparkja barra mill-Isptar u ghalkemm kellha xi punti fiz-zokra xorta kellha timxi ‘l barra minn St. Luke’s.

Illi l-attrici kienet ghaddejja minn *depression* minhabba l-problemi li kellhom u kienet iddecidiet li tmur tahdem, izda l-konvenut kien ghamel plejtu shih u ghal darb’ohra kien rega’ beda jheddidha tant li ddecidiet li ma tmurx tahdem. Kien hawn li kienet iddecidiet li titilqu u tmur tghix ghand il-genituri taghha u din id-darba ma waqghetx ghan-nasba tieghu li jekk titilqu kien ser imur jaqbez.

Illi l-istess attrici tistqarr li hi kienet izzewget lill-konvenut minhabba pressjoni qawwi li kien ghamel fuqha u l-biza’ u dan meta kienet ghadha zghira. L-attrici hassitha wkoll ingannatha ghaliex qatt ma kien qalilha bil-problemi fizici u sesswali tieghu.  Li kieku kienet taf minn qabel b’dawn il-problemi zgur ma kenitx tizzewgu u dan minhabba li hi dejjem xtaqet familja u t-tfal.

Illi llum l-attrici tinstab f’relazzjoni ma’ ragel iehor u qed tistenna tarbija minghand haddiehor.

Illi in kontro-ezami, l-attrici tispjega illi hi kienet ghada zghira u mmatura ghaz-zwieg. Joseph kien l-ewwel gharus taghha u l-genituri taghha specjalment in-nanna kienu jghidlulha li kien tifel bil-ghaqal. In-nanna kienet tghidlu wkoll li kien tajjeb biex tizzewgu.

Illi l-attrici tispjega ukoll illi hija kienet mfissda sew min-nanna taghha, tant li kull ma kienet tghidilha kien ben fatt. Ghalhekk ghalkemm ma xtaqitx tizzewweg lil Joseph u kienet tibza’ minnu ghaliex kien jheddidha li jekk titilqu

kien ser imur jaqbez, ladarba in-nanna kienet qaltilha li kien guvni tajjeb u bil-ghaqal, hekk kellha taghmel u tkompli b'dan iz-zwieg.  L-attrici tiddikjara illi hi qatt ma ttentat tmeri lin-nanna taghha u dan minhabba li hi ma kenitx kapaci tiehu decizjoni ghar-rasha. Hi kienet taf li bhala zwieg kienet ser tidhol f'unjoni permanenti u ghalhekk ma riditx tizzewweg lil Joseph ghaliex ma kienitx thobbu, izda hu kien jheddidha u min-naha l-ohra n-nanna kienet tghidilha li kellha tizzewgu.

Illli l-genituri tal-attrici kienu kuntenti bih ghaliex kien tifel bil-ghaqal. Ghall-bidu li bdew johorgu flimkien kienu jiltaqghu darba fil-gimgha u darba fil-*weekend*, izda maz-zmien bdew jidhlu ghand xulxin u hafna mill-hin kienu jqattghuh ghand xulxin.

Illi gieli kienu johorgu l-aktar nhar ta' gimgha mal-hbieb, izda f'dawn l-okkazjonijiet bilkemm kienu jqattghu hin flimkien ghaliex hi kienet toqoghod ma' shabha u l-konvenut kien joqghod ma' shabu.

Illi l-attrici tilmenta ukoll illi bil-kemm kienu jikkomunikaw u joqoghodu wahedhom ghal xi mumenti t'intimita'. Kienu aktar joqoghdu quddiem it-*television* jitkellmu, u jillitikaw. Tispjega illi meta kienu jillitikaw hadd min-naha tal-familjari rispettivi taghhom ma kien jindahal.

Illi l-attrici tistqarr illi qatt ma kellhom relazzjonijiet intimi qabel iz-zwieg u kienet ghamlet id-decizjoni taghha cara qabel iz-zwieg. Il-konvenut kien ukoll qabel ma' din id-decizjoni.

Illi l-attrici tispjega illi huma kienu zzewgu wara tliet snin u nofs li kienu ilhom johorgu flimkien u kienu tgharrsu sena qabel meta kellha tmintax-il sena. Ommha kienet issuggeriet illi ssir gherusija peress illi xtaqet taghmlilha *party* ghal eghluq taghha ta' tmintax-il sena. L-attrici tispjega li kemm hi kif ukoll Joseph kienu qablu ma' dan.

Illi tkompli tispjega kif fil-fatt waslu ghad-data tat-tieg. Tistqarr illi kien hemm insistenza kbira min-naha tal-konvenut li kien ighidilha li kien imdejjaq id-dar u kien

ghalhekk li kienu darba fost ohrajn il-fiera tat-tigijiet, flimkien mal-ġenituri taghha u ddecidew li jizzewgu l-"Garden of Eden" fid-data tal-*birthday* tal-konvenut.

Illi l-attrici tametti li hi ma hassithiex lesta biex tizzewweg u ma xtaqitx tizzewweg lil Joseph ghaliex ma kenitx thobbu. B'danakollu l-preparamenti tat-tieg komplu b'ritmu tant hu hekk li hi flimkien mal-konvenut kienu jmorru mal-genituri taghha biex jaghmlu l-*bookings* relattivi.

Illi l-attrici tistqarr li l-konvenut kien possessiv hafna maghha u ghajjur u hi kienet qaltlu kemm-il darba li ma xtaqitx tibqa' mieghu. Tant hu hekk li hi kienet dejjem tghidlu li kienet ser titilqu, izda hu kien jaqbad jheddidha billi jghidilha li jekk kienet ser titilqu hu kien ser jaqbad jaqbez bil-karozza b'kollox.  Hi tametti li kienet tibza' minnu u ma kienet tkellmet ma' hadd fuq din il-kwistjoni, izda kienet baqghet sejra bit-tieg.

Illi Patri Abela kien zewwighom u l-attrici tispjega kif wara dakinhar li kienet kellmitu ma regghetx marret minhabba li wara li sar jaf Joseph kien wieghdha u talabha li ma tghid lil hadd dwar it-theddid tieghu u kien ghalhekk li zzewgitu.

Illi l-attrici tiddeskrivi l-gurnata tat-tieg taghha u tispjega li kienet kalma dakinhar. Tispjega ukoll illi dakinhar tat-tieg ma kellhomx relazzjonijiet intimi u kien l-ghada li kellhom x'jaqsmu, ghaliex il-konvenut kien ghajjien.

Illi dakinhar tat-tieg, wara li spicca kolloz, l-attrici tispjega li huma kienu marru l-ewwel ghand il-genituri tar-ragel taghha u mbaghad ghand il-genituri taghha u dan fis-sieghat bikrin ta' filghodu ghaliex it-tieg kien inzamm fil-ghaxija.

Illi l-attrici tistqarr ukoll illi dejjem hi kienet tiehu l-inizjattiva sabiex ikollha relazzjonijiet intimi.

Illi kienu marru *honeymoon* u tul il-*honeymoon* kienet in kuntatt mal-genituri taghha. L-attrici tispjega illi hi kienet hadet gost il-*honeymoon* ghaliex kienet l-ewwel darba li kienet siefret.

Illi l-attrici mbaghad tispjega kif wara sitt xhur ta’ zwieg hi ma kenitx harget tqila u kienet marret flimkien ma’ Joseph ghand Dr. Alberto Vella li huwa *gynaecologist*. It-tabib kien sab li hi kellha kollox sew, izda taha xi pilloli u *injections* sabiex tistabbilixxi d-data tal-*ovulation*.

Illi wara tliet xhur l-attrici kienet ghada ma hargitx tqila minkejja li t-tabib Vella kien qallha li suppost bit-trattament li kien taha kellha tohrog tqila. Kien ghalhekk li t-tabib Vella kien ezamina lill-konvenut u sab li kellu t-testikoli naqra zghar, pero’ b’danakollu ma kellhomx jimpedixxu l-fertilita’.

Illi t-tabib kien ippreskriva xi *injections*, izda mbaghad Joseph kien ipprefera jiehu pilloli.

Illi tkompli tistqarr illi li kieku l-konvenut kien qallha bil-problemi fizici u sesswali tieghu hi zgur ma kenitx tizzewgu. L-attici tiddikjara illi fl-opinjoni taghha l-konvenut ma jistax ikollu tfal u ghadha qed temmnu sal-lum u dan tassocjah mal-fatt li wara li beda l-kura, l-*isperm count* tal-konvenut kien anqas minn dak tat-*test* precedenti. Tispjega wkoll illi temmen li r-ragel taghha ma jistghax ikollu tfal u dan minkejja dak li hemm iccertifikat mit-Tabiba Dr. Vassallo.

Illi l-attrici tkompli tistqarr li hi kienet ser titlaq lill-konvenut qabel ma saret taf li kellhom problemi sabiex ikollhom it-tfal. Il-problemi fl-ewwel sitt xhur taz-zwieg taghhom kienu relatati mar-relazzjonijiet intimi taghhom ghaliex kif tistqarr hi stess, il-konvenut kien idum saghtejn sabiex jegakula.

Illi din ukoll kienet wahda mir-ragunijiet ghall-isfaxx taz-zwieg taghhom.

Illi **l-konvenut** fl-affidavit tieghu jispjega li l-attrici kienet mfissda sew mill-genituri taghha u kienu jaghtuha kulma trid. Ighid li l-attrici kienet tghidlu li Melanie gieli kienet tkun imdejjqa d-dar u ma setghetx tifhem ghalfejn. Pero’

l-unika haga ghal xiex kienu jzommulha kien il-hin tal-hrug taghha fil-ghaxijiet.

Illi l-konvenut jistqarr li darba Melanie kienet fethet qalbha mieghu u kienet qaltlu li hi kienet giet attakkata sesswalment.

Illi Melanie kienet totalment dipendenti fuq ommha u nannitha, tant hu hekk li kienet tisma' minnhom il-hin kollu. Fil-fatt l-iskola kienet maghrufa bhala *"il-baby tal-mummy,"* u baqghet hekk sahanistra anke tul iz-zwieg.

Illi jispjega li anke ghal dak li jirrigwarda semplici rigal li kien jaghtiha, kienet l-ewwel tghidlu li kien joghgobha u mbaghad kienet tghidilha xi haga ommha u kienet tbiddel fehmitha.

Illi fl-ahhar il-konvenut spicca biex beda jaghti lill-attrici l-flus sabiex tmur tixtri r-rigal hi flimkien ma' ommha.

Illi l-attrici kienet dejjem trid li tghaddi taghha u jekk ma kienx hekk, kienet taghmel il-geddum, tissuppervja u tiehu ghaliha.

Illi l-konvenut jkompli jistqarr li meta kienu l-*honeymoon*, l-attrici kienet kontinwament issemmi lil ommha u din tal-ahhar kienet iccemplilha kwazi kuljum.

Illi l-konvenut jispjega illi hu u Melanie kienu ltaqghu fil-festa tal-Vittorja tal-Mellieha fl-1991 meta hu kellu (21) wiehedu ghoxrin sena u Melanie kellha (16) sittax. Hi f'dak iz-zmien kienet qed isewgi kors tal-*hairdressing* u kellha diversi mpjiegi ma' diversi *saloons* u mbaghad giet mkeccija mis-*saloon* "Hair by Colette." Ma kienx minnu illi hu ma riedix tahdem, anzi min-naha l-ohra hu kien sahanistra fethilha *saloon* mad-dar li kienet ser tkun id-dar matrimonjali.

Illi l-konvenut jistqarr li hu kien ltaqa' l-ewwel darba mal-genituri ta' Melanie fil-Milied tal-istess sena u cjoe' 1991, ghalkemm Melanie kienet xtaqet li jiltaqghu qabel, izda ommha kienet qaltilha li riedet li l-purtieri jkunu mdendlin.

L-attrici kienet ltaqghet mal-genituri tieghu fl-Ewwel tas-Sena. Minn hawn bdew johorgu flimkien regolarment.

Illi l-konvenut jispjega illi hu qatt ma kien jhedded lil Melanie li jekk titilqu hu kien ser jmur jaqbez, anzi l-unika darba li vera kellhom glieda kien meta kienu marru l-"Billy Disco" u Melanie kienet damet barra u meta kien mar biex jara x'garalha hu kien sabha ma' certu Thomas, fil-karozza tieghu. Hu kien irabbja u kien qalilha li kellha tiddeciedi jekk riditx tibqa' mieghu jew tmur ma' Thomas. L-ghada l-attrici kienet qaltlu li riedet tibqa' mieghu.

Illi l-konvenut jistqarr ukoll illi minkejja li l-genituri ta' Melanie kienu kuntenti li kienu tgharrsu, kienu jhobbu jindahlu u hafna mill-glied li kien ikollhom kien minhabba dan l-indhil min-naha taghhom. L-aktar haga kienet meta Melanie saret taf li hu kien tah prokura lil ommu, liema prokura kien tahielha sa minn qabel ma beda johrog ma' Melanie. Omm Melanie kienet qaltilha li b'dik il-prokura, ommu setghet tohdilhom il-flus mill-Bank. Tant kienet kontinwament issemmi din il-prokura Melanie, li fl-ahhar omm il-konvenut marret sabiex tnehhi din il-prokura minn fuqha.

Illi l-konvenut jispjega illu l-hrug taghhom kien dejjem mal-familjari ta' Melanie. Kull fejn kienu jmorrru dejjem kien hemm xi membru tal-familja taghha. Generalment kienu jmorru l-Golden Sands fejn kien idoqq missierha. Il-konvenut jistqarr li ghal ftit ta' zmien kien jitla' bil-karozza ta' missieru ghax kien ikollu jmur id-dar sas-1:00 a.m. Meta kienu jkunu l-Golden Sands, gieli kienu jmorru fil-karozza tieghu u kienu jqattghu nofs siegha fil-karozza *petting*.

Illi dwar relazzjonijiet sesswali qabel iz-zwieg, il-konvenut jistqarr li hu kien joqghod lura milli jaghmlu dan l-att ghaliex kien jirrispettaha, ghalkemm Melanie kienet tixtieq li jkollhom x'jaqsmu qabel iz-zwieg, minghajr ma kienet tqis il-konsegwenzi li jgib mieghu dan il-fatt.

Illi l-konvenut jispjega kif huma damu gharajjes ghal tliet snin u kien biss fl-ahhar seba' xhur qabel ma zzewgu li

omm Melanie bdiet thallihom johorgu wahedhom. Sa dak iz-zmien il-konvenut kellu l-vann tieghu u kienu jmorru sa' Bugibba u wara sal-Golden Sand Hotel.

Illi l-konvenut ighid li qatt ma kellhom xi argumenti kbar u anzi Melanie qatt ma semmiet mieghu li xtaqet titilqu, imma mill-banda l-ohra kienet hi li pproponiet *engagement* u t-tieg.

Illi d-data taz-zwieg gie ffissat minn Melanie u ommha u kienu ddecidew li kellu jsir fl-1995 u ghal Melanie kien ahjar li z-zwieg jigi celebrat fil-*birthday* tieghu ghaliex kien f'Marzu, filwaqt li taghha kien Ottubru.

Illi min-naha l-ohra, il-konvenut jispjega kif l-*engagement* gie celebrat fil-*birthday* ta' Melanie. Pero' omm Melanie kienet ser taghlaq zmienha ukoll xi jumejn wara u ddecidiet li taqta' l-kejk dakinhar tal-*engagement* taghhom. Tant kien hemm konfuzjoni li l-hbieb tal-konvenut bdew isaqsu ta' min kienet il-festa. Melanie ma sabet xejn stramb, specjalment meta ommha kienet ser thallas kollox.

Illi ghalkemm il-konvenut kien haseb li kien ahjar li jixtru post, Melanie kienet insistiet li jiehdu l-post tan-nanna u ommha kienet tghidlu li kien impossibbli ghal bintha li tmur tghix 'l boghod minn ommha u nannitha. Ghalhekk il-konvenut jispjega li hu accetta dan il-fatt u beda jaghmel l-ghamara ghal post, flimkien ma' missieru li huwa mastrudaxxa u anke beda wkoll ilesti l-post tan-nanna.

Illi meta l-koppja gew ghall-preparamenti tat-tieg, il-konvenuti jistqarr li kollox kellu jkun kif riedet omm Melanie u hi kienet icedilha ghaliex kienet ser thallas kollox hi u ghalhekk Joseph ma kellux jindahal.

Illi l-konvenut jiddikjara li ghalkemm kien icedi ghal kollox kien jinsab inkwetat minn dan l-indhil kontinwu min-naha ta' omm l-attrici. Kien jippreferi li kieku ittiehdu d-decizjonijiet flimkien. B'danakollu, hu baqa' bit-tama li sakemm jizzewgu s-sitwazzjoni kienet tinbidel.

Illi l-konvenut jiddeskrivi il-gurnata tat-tieg bhala wahda sabiha hafna. Wara kienu marru *honeymoon* l-Ingilterra u kienu qadu ghand hbieb tal-familja ta' Melanie, certu Janet Hills li toqoghod Kent. Fil-*honeymoon* kien mexa kollox  harir u qatt ma ggieldu. Melanie kienet differenti u kienu lkoll trankwilli u dan ghaliex ommha ma kenitx hemm. Madanakollu, Melanie kienet issemmi lil ommha kuljum u din ta' l-ahhar kienet icempillha kuljum.

Illi wara z-zwieg, Melanie ma kenitx lesta li terfa' r-responsabbiltajiet ta' zwieg. Qatt ma kienet tkun id-dar, qatt ma kienet isajjar jew tahsel il-hwejjeg. Kienu jaghmlu kollox ommha u n-nanna. Hi kienet tqatta' l-hin jew taghmel il-*nail polish* jew tara t-*television* jew tisma' l-*istereo*. Kienet ghazziena hafna. Fuq dan kien ikollhom hafna argumenti u l-attrici kienet tmur tghid lil ommha b'kollox. Ommha kienet baqqghet possessiva hafna fuqhom, anke tul iz-zwieg. Melanie kienet min-naha taghha taghtiha l-arja u sahansitra kienet tippreferi tohrog ma' ommha milli mieghu. Anke meta gieli siefret ma' shabha, kienet iccempel lil ommha u mhux lill-konvenut.

Illi fiz-zwieg, Melanie kienet iffissat fuq it-tfal u huma kien ikollhom relazzjonijiet sesswali regolarment. Pero', Melanie baqqghet ma hargitx tqila u tant ffissat li kull darba li ma kienx jigiha l-*period* kienet ferhana u l-minuta li jigiha, kienet taghmel plejtu shih.

Illi kull meta kienu jmorru, ghand omm il-konvenut, jispjega li Melanie kienet toqoghod tispjega x'kienu ser jaghmlu fil-ghaxija fis-sodda u dan quddiem l-gharajjes ta' hutu. Il-konvenut jistqarr li din il-haga kienet iddejjqu ferm, ghaliex kienu affarijiet privati.

Illi l-konvenut jispjega li kulma damu kwieti fiz-zwieg kien ghall-ewwel hames xhur ghaliex imbaghad peress li Melanie ma  kienetx harget tqila, kienet marret ghand it-tabib Albert Vella, ma' ommha bil-mohbi tieghu. It-tieni darba kien mar maghha u t-Tabib Vella kien ghamlilhom xi testijiet, fosthom *smear test* u *ultra sound.* Minn dawn it-testijiet irrizulta li Melanie kellha cesti fl-*ovaries,* u li ghalhekk kellha *period* instabbli. Kien hawn li l-konvenut

sar jaf dwar il-*periods* instabbli l-ewwel darba. Minhabba f'hekk l-attrici kellha *subfertility* u *low progestrerone* u taha trattament ta' *injections*.

Illi min-naha tieghu, il-konvenut kellu nfezzjoni u dan irrizulta wara li kienu hadu *low sperm count* mis-*semen analysis.* Dr.Vella kien ippreskrivilu xi *injections*, li kien biddel f'pilloli meta siefer. Il-konvenut jistqarr illi t-tabib Vella kien spjegalu li l-pilloli kienu jnehhu l-infezzjoni, izda temporanjament kienu jbaxxu l-*isperm count*.

Illi z-zija ta' Melanie kienet qaltilha li Dr. Vella ma kienx tajjeb u kien ghalhekk li marru ghand Dr. Albert Scerri f'St. Mark's Clinic. Hawn rega' sarlu *semen analysis*, minn fejn irrizulta li ghalkemm kienet naqset l-infezzjoni kienet ghadha hemm. Hu kellu jmur jiehu *sample* tas-*semen* regolarment u jispjega kif l-attrici kienet tidhol mieghu kull darba fil-kamra tal-banju tal-laboratorju. Pero' hu kien igib is-semen fil-*container* wahdu u dan jikkonfermah bhala fattur li huwa ma kienx impotenti.

Illi l-konvenut jispjega li issa kienet bdiet tindahal iz-zija ta' Melanie u li kienet hi li qed tmur tigbor ir-rizultati tat-testijiet, haga li ma kienitx toghgbu u dan meta kienu dokumenti personali.

Illi l-konvenut jkompli jispjega kif Dr. Scerri kien spjegalhom li l-*isperm count* kien baqa' baxx ghaliex kien qed jiehu l-pilloli. Jekk iwaqqafhom, kien jerga' joghla. Fil-fatt hekk kien gara, izda Melanie baqqghet tinsisti li Joseph kellu problema u meta t-tabib Scerri kien induna li ma seta' jikkonvinciha b'xejn kien baghathom ghand Dr. Josanne Vassallo f'St. Marks' Clinic.

Illi l-konvenut jispjega kif Dr. Vassallo kienet baghtitu jaghmel testijiet tad-demm, kif ukoll *semen analysis.* Mit-testijiet Dr. Vassallo irrizultalha li kien kollox normali. Il-konvenut kien insista ma' Dr. Vassallo li hi kellha ccempel lil Melanie ghaliex ma kienitx temmnu altrimenti. Hi fil-fatt cemplet lil Melanie u qaltilha li l-konvenut kien normali u seta' jkollu t-tfal.

Illi kien gie suggerit li nippruvaw sabiex ikollna t-tfal ghal erba' xhur ohra u fil-kaz it-Tabib Scerri kien issugerixxa li naghmlu *insemination.* Melanie pero' riedet it-tfal mill-ewwel u qalet lill-konvenut li kienet mohlija mieghu. *Inoltre*, il-konvenut jispjega li z-zija ta' Melanie kienet qalet lit-tabiba li jekk ma kienx ser jaghtiha *insemination*, kienet ser titlaq lill-konvenut. Sadanittant, il-konvenut jistqarr illi l-attrici kellha taghmel operazzjoni *laparoscopy* u kien rrizulta kollox normali hlief li kellha fibroma zghira fl-uteru.

Illi pero' l-konvenut jistqarr illi huma qatt ma setghu jaraw ir-rizultati wara erba' xhur, ghaliex sadanittant Melanie kienet telqet mid-dar u sseparaw.

Illi l-istess konvenut jistqarr li ghalih Melanie ma kenitx taf xi tfisser il-hajja matrimonjali u r-responsabbiltajiet li din iggib maghha. Lanqas ma kienet lesta li tassumi dawn ir-responsabbiltajiet.

Illi l-konvenut jispjega kif hu kien ipprova jsalva iz-zwieg taghhom u kien mar ghand Patri Manwel, flimkien ma' Melanie li kienet spiccat biex telqet 'il barra. Mal-ewwel problema li tfaccat fiz-zwieg, Melanie minhabba l-immaturita' taghha u l-kapricci taghha ma setghetx taccetta s-sitwazzjoni u ma kienitx disposta li tistenna.

Illi **Mary Borg** li tigi omm il-konvenut fix-xhieda taghha tikkonferma li Melanie u Joseph bdew johorgu f'Settembru, 1991.

Illi tikkonferma wkoll illi Melanie kienet mfissda sew minn ommha u minn nannitha. Ix-xhud tispjega kif Melanie hija nfluwenzata minnhom, tant li d-decizjonijiet taghha kienu jitbiddlu skond l-opinjoni taghhom. Dan l-atteggjament kienet turih anke meta kienet taghtiha semplici rigal u spiccat biex tibda taghtiha flus ghaliex Melanie kienet dejjem tispicca biex tbiddel ir-rigal li kienet tircievi minghandha.

Illi omm Melanie u n-nanna Angela kienu jikkuntentawha f'kollox u ghalhekk Melanie kienet spiccat biex tkun tfajla

kapriccuza u mmatura. Kienet dejjem trid li tghaddi taghha u jekk le kienet taghmel hafna nervi u buri.

Illi x-xhud tistqarr illi hi kienet tinstab inkwetata b'din l-immaturita' ta' Melanie u dan aktar u aktar meta Joseph tant kien ihobbha li ma kienx jaghti kaz. Omm Joseph kienet fethet qalbha ma' omm Melanie dwar dan l-atteggjament, izda ommha kienet qaltilha li l-immaturita' taghha kienet giet kkumpensata bil-maturita' ta' Joseph. Ix-xhud tistqarr illi hi kienet ghalhekk baqghet tittama li ladarba jizzewwgu u Melanie ma tkunx taht l-influwenza kontinwa ta' ommha, kienet tibda timmatura.

Illi x-xhud tkompli tixhed li qabel ma Melanie bdiet tohrog ma' Joseph, kienet taghmilha ma' xi kumpanija li xejn ma kienu ta' kondotta tajba u kienu hadu r-ruh meta bdiet tohrog ma' Joseph ghaliex kien guvni bil-ghaqal. L-istess genituri ta' Melanie kienu qalu b'dan lilha u kienu jsostnu li Joseph kien il-guvni ideali ghal binthom.

Illi omm il-konvenut tkompli tghid li Melanie u Joseph ftit li xejn kienu joqoghdu wahedhom u dejjem kienu jkunu man-nies jew ghand il-genituri ta' xulxin. Tant hu hekk illi meta kienu jkunu d-dar taghhom kienu jhalluhom wahedhom fis-salott u ghalhekk ma kenitx tahseb li kellhom xi problema ghaliex lanqas huma kienu jidhru mdejqin b'din is-sitwazzjoni. Forsi il-fatt li qatt ma kienu wahedhom ikkontribwixxa ghal fatt li qatt ma kienu jiggieldu qabel iz-zwieg u lanqas ma kellhom l-opportunita' li jsir jafu lil xulxin sew.

Illi hafna mill-hrug fil-*weekend* kienu jqattghuh il-"Golden Sands Hotel" fejn missier Melanie kien idoqq ma' grupp hemmhekk.

Illi omm il-konvenut tistqarr ukoll illi Melanie kienet herqana ghaz-zwieg u kienet tikkancella d-dati minn fuq il-kalendarju. It-tnejn li huma riedu t-tfal u jekk kien possibbli mill-bidu taz-zwieg. Melanie fil-fatt kienet issellfet ktieb tal-ismijiet tat-tfal minghandha.

Illi Mrs. Borg tispjega kif ftit wara li bdew jidhlu ghand xulxin, omm Melanie xtaqet torganizza l-*engagement* taghhom fil-gurnata tal-gheluq tas-snin Melanie u t-tieg kellu jigi organizzat sena u nofs wara fil-*birthday* ta' Joseph. Kollox kien organizzat minn Melanie u ommha u ma kienu jdahhlu lil Joseph f'xejn, u jekk kien jipprova jaghti xi suggeriment, Melanie kienet tghidlu li ma kellux jindahal la darba kienu ser ihallsu kollox il-genituri taghha.

Illi min-naha tieghu Joseph kien isemmi fuq fuq li kien idejqu l-indhil mill-familjari ta' Melanie u li ma tantx kienu juru rispett lejh. Pero' ommu tistqarr li Joseph kien tip kwiet u ma kienx ihobb jaqla' nkwiet.

Illi x-xhud tispjega li darba kien gara ncident meta Joseph kien qal lil Melanie li ommu kellha prokura sabiex hi tkun tista' tehodlu hsieb il-flus il-Bank. Din il-prokura, ix-xhud tistqarr kien tahielha tliet snin qabel ma beda johrog ma' Melanie. Meta Melanie marret tghid lil ommha b'dan, kien qam plejtu shih, ghaliex hi kienet qaltilha li omm Joseph setghet tigbdilhom il-flus ladarba jizzewgu. Minhabba f'hekk, omm Joseph iddecidiet li jikkancellaw din il-prokura u kienu marru javzaw il-familja ta' Melanie qabel m'ghamlu dan.

Illi ncident iehor fejn kien hemm l-indhil ta' omm Melanie kien meta marru jghazlu l-karozza tat-tieg. Din kien ser ihallasha Joseph u omm Melanie ghall-ewwel darba kienet halliethom jaghmlu xi haga wahedhom. Huma kienu ghazlu Princess u Mercedes ukoll. Meta Melanie kienet cemplet lil ommha sabiex tghidilha li kienu ghazlu Mercedes kienet ghamlet plejtu shih ghaliex din kienet hela ta' flus. Meta sema' hekk, ghal Joseph kienet l-ewwel darba li kellem lil omm Melanie u qallha li t-tieg kien taghhom u ma kellhiex tindahal.

Illi fit-tieg, omm il-konvenut tistqarr li kellha preokkupazzjoni meta kienet semghet wahda mill-mistednin min-naha ta' Melanie tghid li *"dak (Joseph) qed jizzewweg tlieta,"* ovvjament b'referenza ghal omm Melanie u nannitha.

Illi meta fl-ahhar, siefru ghal *honeymoon*, omm Melanie kienet qaltilha li hi kienet ser icemplilhom kuljum. Omm il-konvenut min-naha taghha kienet qaltilha li issa ladarba kienu zzewgu kellha thallihom jghixu hajjithom.

Illi meta rritornaw lura mill-*honeymoon*, il-genituri ta' Melanie baqqghu possessivi fuqha u tant hu hekk kienu komplew ifissduha fis-sens li ommha kienet isajjrilha u taghmilha l-facendi fid-dar u meta ma kienitx tlahhaq kienet titlobha sabiex isajrilha.

Illi ghal omm il-konvenut, Melanie kienet baqghet immatura hafna.

Illi ftit wara li kienu zzewgu Melanie kienet qalet lil omm il-konvenut li hi riedet t-tfal u li kienet ghada ma hargitx tqila. Min-naha taghha kienet ippruvat tfehma li kien ghadu kmieni u t-tfal kienu jigu meta Alla jkun irid. Minflok l-attrici kienet qaltilha li hi t-tfal igibhom meta trid hi. Maz-zmien l-argumenti fuq it-tfal zdiedu u kienet bdiet tghajjar lill-omm il-konvenut, il-familja tieghu u lill-gharajjes taghhom li lkoll kienu mpotenti.

Illi x-xhud tispjega kif xi sitt xhur wara Melanie u ommha ddecidew li jmorru ghand ginekologu u kienu marru ghand Dr. Alberto Vella. Wara li kienu hargu r-rizultati kienet ikkuntattjatha omm Melanie u kienet marret ghandhom u sabet lil Melanie tibki, fil-prezenza ta' ommha, missierha u nannitha. Dan ghaliex xtaqet ikollha t-tfal. Imbaghad kien mar Joseph ghat-*tests* u Melanie kienet ikkuntattjatha u qaltilha li Joseph kellu xi problemi sabiex ikollu t-tfal. Minn dakinhar l-atteggjament ta' Melanie lejn Joseph inbidel, tant li bdiet twahhal f'Joseph u li sahansitra l-pilloli li kienet qed tiehu kienu sabiex jikkoregu d-difett ta' Joseph.

Illi mbaghad Melanie kienet marret, flimkien ma' Joseph ghand Dr. Scerri u dan kien gharrafhom li kellhom biss jikkuraw il-problemi u b'hekk setghu jkollhom tfal. Fil-fatt kien ordnalhom it-tnejn xi tip ta' pilloli.

Illi x-xhud tkompli tispjega li l-attrici u l-konvenut kienu marru ghand Dr. Josanne Vassallo, li kienet hadet xi

*blood tests* ta' Joseph. Kollox kien irrizulta pozittiv. Melanie kienet akkuzatha li kienet zzewgitha lit-tifel taghha meta seta' kellu kancer. Ix-xhud tistqarr li sa' fejn taf hi, it-tifel taghha qatt ma kien marid.

Illi x-xhud tkompli tistqarr li Melanie ma setghetx taccetta li huma ma setghux ikollhom tfal. Ghaliha l-fatt li kienet qed tikkura ruhha sabiex tistabbilixxi l-*ovulation*, kien biss sabiex isolvi l-problema medika ta' Joseph. Kienet imbaghad thedded lil Joseph li jekk ma kenitx ser tohrog tqila kienet ser titilqu. Fil-fatt, hekk gara u min-naha l-ohra Joseph kien dispost li jiehu pacenzja biha.

Illi s-sitwazzjoni bejniethom aggravat u Melanie akkost ta' kollox riedet titlaq lil Joseph ladarba ma setghax ikollha tfal u hekk kienet mohlija mieghu. Il-genituri ta' Melanie kienu marru jghinuha titlaq mid-dar konjugali u marret tghix maghhom. Joseph kien ipprova jikkuntattjahom, izda omm Melanie kienet qaltlu li issa kienet taghha. Joseph kien ittenta jikkomunika ma' Patri Manwel li min-naha tieghu kien ipprova jlaqqaghhom. Fil-fatt hekk gara izda inutilment ghaliex Melanie ma riditx tkun taf u ssupervajt u telqet 'il barra.

Illi skond omm il-konvenut, binha kien ihobb lil Melanie, izda hi min-naha taghha riedet tizzewweg biss sabiex ikollha t-tfal u fil-fatt qatt ma kienet habbet lil Joseph. Ix-xhud tistqarr illi saret taf li Melanie kienet thobb lil certu Thomas, izda l-genituri taghha ma rieduhiex tizzewgu u ppreferew lil Joseph u kien ghalhekk li kienet zzewgitu.

Illi apparti l-fatt li Melanie ma kenitx thobb lil Joseph, lanqas biss ma kienet matura biex tghix iz-zwieg fit-tajjeb u l-hazin tieghu. Ix-xhud tistqarr li fl-opinjoni taghha Melanie qatt ma kellha ntenzjoni li tibni hajja konjugali, riedet biss li tikkuntenta lil nannitha u li jkollha t-tfal.

Illi llum Melanie skond ix-xhud, tinstab ferhana ghaliex ftit wara li sseparaw bdiet relazzjoni ma' haddiehor u kellha tarbija minghandu.

Illi in kontro-ezami, omm il-konvenut tispjega li binha kien johrog ma’ grupp ta’ tfajliet u guvintur u ma tafx jekk kellux xi tfajla *steady*. Melanie kienet l-ewwel tfajla li bdiet tidhol ghandhom.

Illi omm il-konvenut tispjega li kienet indunat li l-attrici kienet immatura u bla rispett.

Illi **Dr. Josanne Vassallo** – specjalista fl-endokrinologija (i.e problemi li jirrigwardaw l-ormoni u problemi ta’ fertilita’) wara li giet ezentata mis-sigriet professjonali, tispjega illi hi saret taf lill-konjugi Borg wara li gew riferiti ghandha mit-Tabib Dr. Albert Scerri, fl-1996. Dr. Scerri kien iccertifika li Joseph Borg, il-konvenut, kellu problema bl-*isperm count*. Wara li ezaminatu hi stess, Dr. Vassallo tispjega li l-problema li kellu fl-*isperm count* kienet relatata mal-fatt li kellu nfezjoni hafifa.

Illi hi kienet tatu kura bl-*antibiotics* u meta regghet rat lill-konvenut f’Settembru 1996, l-analizi tieghu kienet tirrizulta kompletament normali. Kien hawnhekk li kienet irriferiet lill-konjugi Borg lil Dr. Scerri ghal darb’ohra aktar u aktar meta l-istess attrici kienet qed isegwi kura ta’ pilloli tahtu sabiex ittejjeb il-fertilita’.

Illi Dr. Vassallo tikkonferma ukoll illi mill-ezami u analizi li nzammu, irrizulta li l-konvenut seta’ jkollu tfal. Qatt ma rrizultalha li kien hemm xi problemi ta’ mpotenza, anke wara li zammet testijiet tad-demm u tal-ormoni.

Illi Dr. Vassallo tispjega kif kienet zammet ukoll ezami fiziku tal-konvenut u rrizultalha li kollox kien normali u ma kellux il-partijiet genitali tieghu zghar.

Illi li kellu hija biss *sperm count* baxxa aktar min-normal li setghet biss taffettwa l-facilita’ fit-tqala.

Illi Dr. Vassallo tispjega illi l-koppja kellha ansjeta kbira u li dan kien normali fic-cirkostanzi taghhom. Il-konvenut kien jikkopera hafna fic-cirkostanzi u meta tatu r-rizultati tal-analizi lanqas seta’ jemmen. L-attrici min-naha l-ohra kompliet tinsisti ghal spjegazzjoni ghaliex ma setghux

ikollhom it-tfal. Minn naha l-konvenut kien kwiet u kien jisma' mill-parir taghha, filwaqt li l-attrici kienet turi certu rabja u ma setghetx taccetta s-sitwazzjoni.

Illi **Dr. Alberto Vella** wara li gie ezentat mis-sigriet professjonali jispjega kif iltaqa' mal-koppja Borg f'Settembru 1995 bil-problema li ma setghax ikollhom tfal. Kienu ilhom mizzewgin minn Marzu tal-istess sena u peress li ma kenitx ghadha ghaddiet sena, ezamina *gynaechologically* lill-attrici billi hadilha *smear test*. Minn dan kien irrizulta li kollox kien normali.

Illi kien ukoll baghat lill-attrici sabiex taghmel ezami tal-*pelvis*, li kien normali. Li rrizulta biss kien li kellha *cystic ovaries,* li jfisser biss li mhux necessarjament jkun hemm *ovulation* kull xahar. Dawn is-*cystic ovaries*, bl-ebda mod ma jistghu jwasslu biex ma jkunx hemm tfal, anzi ghall-kuntrarju eventwalment jista' jkollok tfal.

Illi Dr. Vella kien ha ukoll *sperm count* tal-konvenut u rrizulta li bhala volum kien normali. L-*isperm count* tieghu kienet 19,000,000 *sperm/ml*, li kien bizzejjed sabiex tohrog tqila l-attrici. Pero' bhala *sperm count* ottima jrid ikun hemm *over* 20.000,000 *sperm/ml*.

Illi ghalkemm jirrepeti x-xhud li l-*isperm count* kienet bizzejjed sabiex tohrog tqila l-attrici, kien tal-parir li l-konvenut jiehu *injections* tal-*FSH (ormon)* sabiex igholli l-*isperm count*. Dan kien fis-27 ta' Jannar 1996.

Illi darba fost ohrajn ikompli jispjega Dr. Vella kien mar ghandu l-konvenut u qallu li ma setghax ikompli jiehu l-*injections* ghax kellu jsiefer u ghalhekk kien ippreskrivilu xi pilloli li kienu effettivi daqs l-*injections*. Dr. Vella jispjega illi hu kien ippropona l-*injections* sabiex igholli l-*isperm counts*, izda l-aktar haga mportanti kien li l-konvenut kellu *life sperms.* L-*injections* huma aktar effettivi *in the short term* pero' mat-tul taz-zmien il-piloli ghandhom l-istess effett.

Illi minn dakinhar pero' jidher li l-koppja qatt ma regghet marret ghandu.

Illi Dr. Vella jispjega kif *abnormal morphology* ta’ 75% - 80% hija normali u ssibha fi kwalunkwe *sperm count*. Dwar *abnormal morphology* ta’ 20% li kellu l-konvenut fil-31 ta’ Lulju 1996 dan ivarja minn zmien ghal zmien u skond l-istagun. Dan it-test kien inzamm St. Mark’s Clinic u Dr. Vella jinsisti li St. James Clinic huwa aktar attendibbli. Dr. Vella jispjega illi jippretendi li minn *abnormal morphology*” ta’ 75% - 80% din tinzel ghal 50% - 60%, izda mhux 20%. Jispjega ukoll kif *abnormal morphology* hija ta’ 95%. Huwa normali li jkun hemm 70% *non-motile*.

Illi **Dr. Albert Scerri** wara li t-tabib gie ezentat mis-sigriet professjonali jispjega kif sar jaf is-sinjuri Borg fl-1996 meta marru ghandu minhabba problema ta’ *subfertility* u cjoe’ problema biex ikun hemm tfal. Dr. Scerri jispjega d-differenza bejn *subfertility* u *infertility* li tal-ahhar tfisser *absolute impossibility of pregnancy*.

Illi Dr. Scerri jispjega kif hu kien rah ir-rizultati tat-*tests* li nzammu minn Dr. Vella u hu kien rega’ ordna *tests* ukoll.

Illi mit-*tests* li nzammu fuq l-attrici rrizulta li kollox kien sew. Irrizulta biss li kellha *polycystic ovaries,* li jirrizultaw minhabba *microcystic ovaries.* Dr. Scerri jispjega illi kien irrizultalu illi l-attici kellha *progesterone* baxx u *hormone profile* li jistghu jbaxxu l-fertilita’. Hu kien ippreskriva kura appozita u mill-*laporoscopy* kien irrizulta li kollox kien normali.

Illi lill-konvenut kien gieghlu jaghmel xi testijiet tal-*isperm counts* u mill-ewwel *tests* kien irrizulta li kellu nfezzjoni u tah xi *antibiotics*. Dr. Scerri jispjega illi hass li l-*isperm count* kien baxx meta kien 9,000,000 *sperm/mil*. *Sperm count* normali ghat-tabib kien dak ta’ 40, 000, 000 *sperm/mil* jew izjed.

Illi Dr. Scerri jispjega illi meta jkun hemm *sperm count* ta’ 19, 000, 000 b’*motility* ta’ 10 - 15% li huma *highly active* u *abnormal morphology* ta’ bejn 75 – 80%, ic-*chances* ta’ gravidanza normali huma mnaqqsin. *Abnormal*

*morphology* ta' 75 – 80 % mhix necessarjament normali fi kwalunkwe *sperm count*. Dr. Scerri ihoss li laboratorji differenti jaghtu data differenti u ghalhekk "St. Mark's Clinic" juzaw sistema totalment differenti minn "St. James Clinic".

Illi Dr. Scerri jispjega kif wara li l-konvenut segwa dan it-trattament hass li ma tantx kien hemm zviluppi ghall-ahjar u ghalhekk kien iddecieda li jirriferih lil Dr. Josanne Vassallo. Minkejja l-*isperm count* baxx, Dr. Scerri jispecifika li ma kienx hemm problemi ghal tqala naturali kif ukoll ghal tqala b'mod mhux naturali.

Illi Dr. Scerri jikkonferma illi hu mbaghad kien baqa' in kuntatt ma' Dr. Josanne Vassallo u din kienet infurmatu f'Settembru, 1996 li mill-*isperm tests*, dawn kienu *"within the normal range for count motility and morphology".* Dr. Scerri jikkonferma ukoll illi miz-zewg *tests* li nzammu minn Dr. Vassallo fid-19 ta' Awissu 1996 u fis-16 ta' Settembru 1996 dawn kienu jindikaw *sperm count* normali kompletament.

Illi Dr. Scerri jkompli jispjega kif wara li l-konvenut kien ha it-trattament ghand Dr. Josanne Vassallo, kienet regghet irreferietu ghandu u meta rega' rah l-*isperm count* kienet normali. Dr. Scerri jiddikjara ukoll illi Dr. Vassallo kienet ikkumentat fuq dan il-kaz f'dan is-sens *"try to achieve fertilisation in the next cycle, either by timed intercourse or eventually by insemination (if necessary)".*

Illi Dr. Scerri mbaghad jiddikjara wara li rah ir-rizultati tat-testijiet tal-konvenut issuggerixxa li jekk l-*isperm count* jibqa' baxx kif kien u l-*ovulation* tkun tajba, ghalhekk kien ikun il-kaz li jerga' jmur ghand l-*endocrinologist* u ssir *artificial insemination.*

Illi **Angela Sammut** li tigi in-nanna tal-attrici tistqarr li hi kienet rabbiet lill-attrici ghaliex hi u r-ragel taghha kienu joqoghdu taht id-dar fejn kienet tghix mal-genituri taghha. Melanie u hi kienu *close* hafna u kienet tafda fiha hafna.

Illi x-xhud tispjega kif Melanie kienet tqata' hafna hin maghha u ma tantx kellha hbieb hlief il-hbieb tal-iskola. Ix-xhud tistqarr li Melanie ma kellhiex *boyfriends*, ghalkemm qabel ma bdiet tohrog ma' Joseph kienet issemmi certu Thomas li ried johrog maghha. In-nanna tikkonferma li ghalkemm qatt ma hargu flimkien kienu ffrekwentaw lil xulxin xi drabi. In-nanna tispjega li hi ma kienitx tinkoragixxi lill-attrici sabiex ikollha *boyfriends* u dan minhabba l-eta' zghira taghha.

Illi x-xhud tametti li hi ma kenitx kuntenta b'dan Thomas ghaliex ma kienitx tafu personalment u lanqas ma kienet taf lill-familja tieghu, kuntrarjament ghal Joseph ghaliex kien min-nahat taghhom u kienet taf lill-familja tieghu.

Illi kienet tafu bhala tifel kwiet u bil-ghaqal u hajritha biex tohrog mieghu. Ghall-bidu, ix-xhud tispjega li Melanie kienet kuntenta ma' Joseph, izda maz-zmien ratha tinbidel u kienet dejjem qisha bin-nervi u qalbha sewda. Melanie kienet tghidilha li kienet tghidilha li kellha n-nervi minhabba li Joseph ma kienx jafdaha.

Illi x-xhud tistqarr li hi kienet thoss li Melanie kienet baqghet thobb lil Thomas u kienet aktar migbuda lejh milli lejn Joseph, u dan ghaliex hi kienet tammetti maghha stess. Pero', ix-xhud tkompli tistqarr li hi kienet baqghet tinsisti maghha li ghandha tibqa' ma' Joseph.

Illi tistqarr li Melanie kienet tifla kwieta u kienet dejjem tisma' milli kienu jghidulha. Tistqarr li hi u l-genituri ta' Melanie kienu jafu li kienet tifla mmatura, izda maz-zmien tikber u tinbidel. Kienet ghadha zghira sabiex tiehu decizjoni.

Illi apparti minn hekk ix-xhud tghid li tul l-gherusija taghhom Melanie u Joseph ma tantx kienu juru affezzjoni lejn xulxin u sahanistra qatt ma rathom jitbewsu. Tghid ukoll illi ma kienux johorgu wahedhom, kienu dejjem johorgu mal-genituri taghha jew mal-genituri tal-konvenut.

Illi x-xhud tispjega illi kienet taf li Melanie u Joseph kellhom xi problemi qabel ma zzewgu u li Melanie kienet

marret hadet parir minghand Patri Manwel u dan tafu ghaliex Melanie kienet qaltilha li kienet marret u qaltilha ukoll x'kien qalilhom, li kellu tiehu pacenzja ghaliex meta jizzewgu Joseph jinbidel, u dan ghaliex ikun inqata' minn ma' ommu. Ix-xhud tikkonferma li skond kif kienet tghidilha l-attrici, omm il-konvenut kienet thobb tindahal.

Illi n-nanna ta' l-attrici tkompli tispjega li meta Melanie kienet infurmatha b'dak li kien qal Patri Manwel iktar bdiet tinsisti li Melanie ghandha tizzewweg lil Joseph. Tiddikjara li hasset li Melanie kienet ghadha zghira biex tifhem x'kienet verament tfisser l-imhabba, izda malli taghmel dan il-pass taz-zwieg tinbidel. Pero', fil-gurnata tat-tieg taghha, Melanie kellha hafna buri u dwejjaq u huma hassew li dan kien minhabba l-eccitament tat-tieg.

Illi x-xhud tkompli tispjega illi wara li zzewgu Melanie kienet tbiddlet sa' certu punt, izda mbaghad bdew il-problemi fuq is-sess. Melanie xorta wahda kompliet issemmi lil Thomas u kienet wahhlet fix-xhud li kien tort taghha u kienet tahti hi li zzewget li Joseph.

Illi x-xhud tispjega li Melanie kienet tkun id-dar taghha u kienet tiehu hsieb zewgha.

Illi l-problema ta' qabel iz-zwieg kienu minhabba ndhil tal-genituri. Issa fiz-zwieg il-problemi li kellhom kienu minhabba r-relazzjonijiet sesswali bejniethom. Melanie kienet stqarret maghha u ma' ommha li Joseph kien idum bejn siegha u nofs u saghtejn waqt ir-relazzjonijiet bejniethom.

Illi x-xhud tistqarr li hi u omm Melanie kienu ssuggerewlha li tmur tkellem tabib u fil-fatt kienet marret. Kien jidher li kellhom problemi sabiex ikollhom it-tfal. Melanie kienet xtaqet it-tfal ghax minn dejjem kienet thobbhom.

Illi gara wkoll illi meta Melanie saret taf li ma setghax ikollhom tfal kienet lesta li thallas kollox hi sabiex jaghmlu *insemination*. Ix-xhud kienet lesta li tehodhom ghand Dr. Josie. Izda, dan ma garax ghaliex Joseph ma riedx ladarba Dr. Josie ma kienx ser juza l-isperma tieghu.

Minhabba f’hekk hi kienet issuggerit li jaddottaw tarbija mill-Brazil, izda Joseph xorta ma riedx ghaliex ried li jkollhom tfal minn taghhom, izda x-xhud tistqarr li dan ma kienx possibbli.

Illi Joseph ma kienx wera rispett lejn Melanie tul iz-zwieg u ommu kienet baqghet tindahal. Fl-ahhar ix-xhud tghid li saret taf li Melanie kienet baqghet ma’ Joseph ghaliex kien jheddidha li kien ser imur jaqbez.

Illi hi kienet tat il-post lill-partijiet b’xejn biex tghinhom. Ix-xhud tispjega illi hi rari kienet tmur ghandhom ghaliex il-konvenut ma kienx jiehu gost bin-nies id-dar. L-attrici minflok kienet tkun ghandha ta’ spiss u kienet tibki minhabba l-problemi li kellha ma’ zewgha.

Illi x-xhud tispjega li hi u l-genituri tal-attrici kienu joqoghdu magenb xulxin u d-djar taghhom kienu jinfdu, ghalhekk meta kienu ghadhom gharajjes u kienu jkunu ghand ommha ta’ spiss. Ix-xhud tistqarr li kienet tarahom jiggieldu ta’ spiss u li kien hemm izjed minn okkazjoni wahda meta l-attrici kienet kecciet il-konvenut mid-dar tal-genituri taghhom. Ix-xhud tfakkar darba minnhom meta l-konvenut kien gie lura d-dar tal-genituri tal-attrici flimkien ma’ ommu u kien beda jibki ghaliex ma riedx li jhassru. Omm il-konvenut kienet tinstab inkwetata hafna ghaliex kienet tibza’ li binha kien ser jmur jaqbez jew inehhi hajtu. Omm il-konvenut tistqarr ukoll li kienet disposta ggieghel lill-konvenut inehhi l-prokura li kien taha minhabba li kien inqala’ hafna nkwiet fuq din il-kwistjoni.

Illi x-xhud tkompli tghid li darba minnhom kienet inqalghet glieda bejniethom quddiemha u quddiem il-genituri tal-attrici u dan minhabba li l-konvenut kien qed jirrifjuta li jiehu xi *injections* bhala kura sabiex ikollhom it-tfal. Il-konvenut kien deciz li anke jekk jiehu l-annullament ma kienx dispost li jiehu dawn l-*injections*.

Illi l-attrici minn dejjem xtaqet li jkollha t-tfal u kienet iddispjacuta bil-kbir meta saret taf li ma setghetx ikollha t-tfal. Qabel iz-zwieg kienet tghid li ma riditx tizzewweg lill-

konvenut u kieku kienet taf bil-problemi li kellu ma kenitx tizzewweg.

Illi **Doris Cachia Sammut** li tigi omm l-attrici, tispjega kif l-attrici bdiet tohrog mal-konvenut meta hi kellha biss sittax-il sena, u qabel il-konvenut ma kellha l-ebda gharus iehor. Kienet tohrog mal-hbieb nhar ta’ Hadd u nhar ta’ Sibt kienet tohrog maghhom.

Illi tispjega kif meta l-attrici u l-konvenut bdew johorgu flimkien, bdew jidhlu ghand xulxin. Minn hawn kienu johorgu rarament u kienu jqattghu hafna hin ghandhom. Ix-xhud tispjega kif kienu jiggieldu ta’ sikwit bejniethom u hafna mill-glied kien minhabba l-ghira tal-konvenut jew minhabba l-indhil zejjed mill-familjari tieghu.

Illi x-xhud tkompli tispjega kif qabel ma zzewgu, l-attrici u l-konvenut kienu iggieldu fuq xi prokura u sahansitra l-attrici kienet telqitu. Pero’, b’danakollu, ommu kienet marret id-dar tal-attrici u talbitha jirrangaw ghaliex kienet tibza’ li t-tifel jiehu xokk fuq ix-xoghol jew inkella jmur jaqbez.

Illi tkompli tghid li l-konvenut kien issikat hafna fil-hinijiet li kien jista’ joqoghod barra, anke meta kien ikun ghandhom u r-ragel tax-xhud kien ikollu jmur ghand il-familja tal-konvenut sabiex jispjegalhom fejn kien.

Illi tghid ukoll li kienet tara lill-konvenut bhala tifel zghir u mmatur hafna.

Illi omm l-attrici tispjega kif wara saret taf li l-konvenut kien jhedded lill-attrici. Wara z-zwieg imbaghad il-problemi ta’ bejniethom zdiedu u dan l-aktar minhabba problemi sesswali tal-konvenut. Omm l-attrici tistqarr li kienet marret maghha ghand Dun Anton Dalli tal-Moviment ta’ Kana u dan kontra l-opinjoni ta’ omm il-konvenut li ma rieditx tikxef il-problemi ta’ bintha man-nies. Dun Anton kien issuggerixxa li l-attrici taghti ftit zmien lill-konvenut sabiex tara xi zviluppi seta’ kien hemm.

Illi tispjega kif l-attrici u l-konvenut kien bdew jiehdu kura medika u filwaqt li l-attrici kienet qed tiehu *injections* u pilloli, l-konvenut kien qed jirrifjuta li jiehu *injections* ghax kien jibza'.

Illi meta l-konvenut kien jircievi r-rizultati negattivi, kien jaqbad jidghi u jghajjat d-dar taghhom u kien ighid l-attrici kien dispost li jaghtiha l-annullament u dan basta li ma jiehux l-*injections*. Imbaghad il-konvenut kien beda jhedded lill-attrici li kien ikissirha bil-karozza jew jaqbad jaghtiha zewg tiri. Missier l-attrici in vista tac-cirkostanzi kien jaqbad jkecciha 'l barra.

Illi x-xhud tkompli tghid li l-attrici ddecidiet li titlaq lill-konvenut, izda omm il-konvenut kienet baqqghet iccempel sabiex hi tikkonvinci lill-attrici tmur lura mal-konvenut. Izda, omm l-attrici tistqarr li kienet spjegat lil omm il-konvenut li ma setghetx iggieghel lil bintha taghmel dak li ma xtaqitx.

Illi omm l-attrici tiddikjara li kulma riedet bintha kienet li tizzewweg u jkollha familja u tfal. Izda l-konvenut kien ingannaha ghaliex kieku kien qallha li kellu xi problema ma kenitx tizzewgu.

Illi tikkonferma li llum bintha ghandha relazzjoni ma' ragel iehor u ghandha tarbija minghandu.

Illi in kontro-ezami, omm l-attrici tistqarr li hi kienet qalet lill-attrici li l-konvenut kien bniedem ghajjur, possessiv u *mummy's boy*. Patri Manwel kien wieghda li maz-zwieg il-konvenut jinbidel ghaliex ma kienx jibqa' taht il-kappa ta' ommu.

Illi x-xhud tkompli tistqarr illi z-zwieg taghhom ma kienx wiehed kuntent mill-bidunett. Il-problemi li kellhom kienu minhabba hafna glied u minhabba problemi sesswali. L-attrici riedet titlaq lill-konvenut immedjatament u ommha tistqarr li hi kienet impeditiha milli titlaq u dan minkejja ta' sikwit kienet isemmi certu Thomas, guvni li kellha grazzja mieghu qabel ma ltaqqghet mal-konvenut.

Illi fuq insistenza taghha, omm l-attrici tistqarr illi tant kienet insistiet li z-zwieg bejn bintha u l-konvenut dam ghal sentejn shah, pero' l-attrici qabditha *depression*, tant li kellha tiehu l-medicina ghaliex fl-istat li kienet, kienet tkun mbezza' malli l-konvenut kien jasal id-dar.

Illi tkompli tispjega li hi kienet tmur tara lil bintha kuljum is-*saloon* ghaliex kienet tinsab inkwetata minhabba d-*depression* li kellha.

Illi omm l-attrici tispjega kif meta marru jkellmu lil Patri Manwel kienu qalulu li l-konvenut kien wahhal fiha li kellu nfezzjoni fil-parti tieghu ghaliex akkuzaha li kienet tigri mal-irgiel.

Illi Patri Manwel kien spjegalha li ladarba l-konvenut kien jikkura ruhu kien jinbidel sesswalment.

Illi x-xhud tikkonferma li bintha kienet telqet lir-ragel taghha meta kienu diga' saru t-testijiet. Pero' tametti ukoll li t-tifla taghha kienet immatura u li ma kenitx thobb lill-konvenut, izda kienet izzewgitu tant kienu nsistew maghha l-genituri taghha u n-nanna.

Illi **Anthony Cachia,** missier l-attrici jikkonferma li bintu bdiet tohrog mal-konvenut meta hi kellha sittax-il sena u ftit xhur wara bdew jidhlu ghand xulxin.

Illi jispjega kif l-attrici u l-konvenut kienu jiggieldu ta' spiss u ftit li xejn kienu jkunu wahedhom ghaliex kienu dejjem ghand xulxin.

Illi x-xhud jikkonferma wkoll li l-genituri tal-konvenut ma kienux ihalluh jdum barra u kien ikollu jmur jispjega lill-genituri tieghu.

Illi missier l-attrici jispjega kif l-problemi bejn l-attrici u l-konvenut zdiedu u dan minhabba problemi sesswali li kellhom. Hu jikkonferma li kien jaf li kienu qed isegwu t-trattament, pero' l-konvenut kien irrifjuta li jiehu l-*injections* li kien ordnalu t-tabib, dan anke jekk kien hemm bzonn jaghti lill-attrici annullament.

Illi jispjega li hu kien issuggerixxa li jaghmlu *artificial insemination* u kien dispost ihallas l-ispejjez hu. Kien ukoll issuggerixxa adozzjoni, izda l-konvenut rrifjuta wkoll ghaliex ma riedx tfal li kienu *"bghula ta' haddiehor."*

Illi missier l-attrici jispjega li hu kien ipprova jirranga s-sitwazzjoni, izda kien kollu ghalxejn.

Illi l-attrici kieku kienet taf bil-problemi tal-konvenut ma kenitx tizzewgu, ghaliex l-unika xewqa taghha kien li jkollha familja u tfal taghha.

Illi x-xhud jikkonferma ukoll li llum l-attrici tinsab f'relazzjoni ma' terza persuna u minghandu ghandha tarbija.

**(ii) PRINCIPJI LEGALI.**

Illi **l-Artikolu 19 (1) (a) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jipprovdi li z-zwieg ikun null *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika, sew morali, jew b'biza'".*

Illi l-kuncett ta' *"vjolenza" (violenza)* u *"biza" (timore)* gie ezaminat fid-dettal taht il-**Codice Civile** Taljan. Kif jispjega **Profs. Alberto Trabucchi** *"La liberta' del consenso che viene tutelata dalla norma si riferisce sia alla liberta' di contrarre matrimonio sia alla libera scelta del partner".* (Emerito di Diritto Civile dell'Univ. di Padova cf. Trabucchi. Alberto**. Matrimonio. Diritto Civile** pp.1184-1202 in Azara. Antonio Eula. Ernesto Novissimo Digesto, Editrice Torinese Vol.IV 1980).

Illi ghalkemm il-kuncett ta' *"vjolenza"* u *"biza"* huma relatati, ghaliex effettivament il-*"biza"* hija l-effett tal-*"vjolenza",* l-**artikolu 19 (1) (a)** jikkunsidrahom separatament. Infatti, ***G. Lesage*** jghid hekk:-

*"physical or moral violence is pressure exerted by an outside agent on a future spouse, in order to influence his or her actions. Fear is the effect which force, whether*

*physical or moral, induces in the mind of the future spouse."*

Illi fil-kaz **"Carmel sive Charles Camilleri vs Teresa Camilleri"** (P.A. (VDG) 3 ta' Ottubru 1995) il-Qorti dahlet fil-kwistjoni tal-gravita' tal-vjolenza li tigi ezaminata skond il-kaz u cjoe':-

*"La "gravitas" e' dunque da riferirsi al "metus" il quale va considerato nel particolare contesto soggettivo di ciascuna fattispecie. Si tratta, dunque di una qualificazione che dev'essere ricostruita caso per caso dalla giurisprudenza. Il timore deve comunque essere considerato grave quando, dopo un'attenta valutazione delle circostanze del caso e' sopratutto della personalita' del violentato, appare che, dal punto di vita di quest'ultimo, il matrimonio era da considerarsi l'unico scampo per fuggire il male minacciato. Di piu', e' sempre dalla parte del violentato la scelta matrimoniale deve apparire, per essere l'effetto di un "metus" realmente grave, come un comportamento razionale, cjoe' tale da potersi dire "giustificato"in rapporto all'importanza di una deliberazione come quella di sposarsi, alla quale non ci sarebbe altrimenti decisi. Si deve anzi osservare a questo proposito che l'avversione al matrimonio costituisce almeno un indice sul quale la giurisprudenza rotale insiste molto, per poter ritenere la presenza di una violenza condizionale l'opzione matrimoniale causata da uno stato di grave timore."*

Illi fil-kaz **"Carmelo sive Charles Saliba vs Mary Saliba"** (P.A. (VDG) 15 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat illi *"biex pressjoni ndipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra, tista' tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni tammonta ghal vjolenza morali jew biza' esterna ta' natura irrezistibbli, cjoe' trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens".*

Illi dwar il-kuncett ta' biza, il-gurisprudenza nostrana stabbilit illi l-elementi essenzjali ghal biza huma tlieta, u cjoe':-

*"fl-ewwel lok trid tkun gravi; fit-tieni lok, il-persuna li qed jezercitaha irid ikun kapaci, presumevolment li jezegwixxi dak li jhedded li jaghmel; u fit-tielet lok il-biza trid tkun mottiv principali ghaliex il-persuna tasal li tizzewweg, biex tevita l-konsegwenzi tat-theddid."* (**"Joseph D'Ugo vs Rita D'Ugo"** (P.A. (FDP) 20 ta' Gunju 1994).

Illi ghar-rigward l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** dan jikkontempla illi:-

*"zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

Illi l-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-*discretio judicii* huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.

Illi l-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga.

Illi ghalkemm l-**artikolu 19 (1) (d)** ma jaghtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-Qrati notrali stabbillw li *"dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe' dik l-unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u prokreazzjoni u trobbija tal-ulied".* (**"Spiteri Selvaggi vs Spiteri"** (P.A. 4 ta' Novembru 1994) u **"Portelli vs Portelli"** (P.A. 14 ta' Awissu 1995).

Illi l-immaturita’ ghalhekk ma ghandhiex tigi nterpretata bhala *“difett serju fid-diskrezzjoni tal-gudizzju….”.* Li kieku l-legislatur kien qed jirrikjedi li kull parti fiz-zwieg tkun akkwistat maturita’ shiha u perfetta, tkun qed twassal ghan-nullita’ taz-zwigijiet kollha li jigu celebrati hawn Malta.

*“B’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta’ immaturita’ li parti jew ohra fiz-zwieg tista’ tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita’ shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta’ discretio judicii hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita’ ta’ parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg”.* (**“Spiteri vs Spiteri”** (P.A. 4 ta’ Novembru 1994).

Illi ghalhekk ghaz-zwieg m’hemmx bzonn li parti jkollha xi livell gholi ta’ maturita’, izda ta’ l-anqas il-livell irid ikun tali li dik l-istess parti tkun kapaci taghmel valutazzjoni shiha, ponderata u libera dwar iz-zwieg u dwar id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **“Borg vs Borg”** (P.A. 14 ta’ Awissu 1995) intqal li:-

*“Seta’ kien hemm elementi t’immaturita’ fil-konvenuta – wara kollox wiehed ma ghandux jippretendi li ta’ sittax-il sena persuna jkollha dik il-maturita’ shiha u terminali li wiehed jakkwista bit-trapass taz-zmien u hafna drabi jakkwistaha biss wara z-zwieg nnifsu – izda ma hemm xejn x’jindika li l-kapacita’ ntellettiva u volitiva tal-konvenuta riferibbilment ghan-natura taz-zwieg jew ghad-drittijiet jew dmirijiet essenzjali tieghu kienu gravament (ghalhekk difett serju, anomalija serja - alterati jew menomati.”*

Illi jista’ wkoll jinghad li d-*discretio iudicii* huma fformat minn tliet elementi bazici li gew ben definiti minn ***M.F. Pompedda:-***

*"Quindi possiamo ritenere che la discretio o maturitas iudicii, implica nell'ordinaria giurisprudenza rotale tre aspetti, cjoe' tre elementi ben definiti: una sufficiente conoscenza intelletuale circa l'oggetto del consenso; il raggiungimento di una sufficiente valutazione proporzionata al connubio, ossia una conoscenza critica; e infine la liberta' interna, cioe' la capacita' di deliberare con sufficiente valutazione dei motivi e con autonomia della volonta' da qualsiasi impulso interno determinante."* (***M.F. Pompedda*** *– Ancora sulla nevrosi e perosanlita' psicopatiche in rapporto al consenso matrimoniale, in Borderline, Nevrosi e Psicopatie in riferimento al consenso matrimoniale nel diritto canonico, Roma 1981, pp44-45*)

Illi l-**artikolu 19 (1) (e)** jikkontempla illi:-

*"jekk xi wahda mill-partijiet jkun impotenti, sew jekk dik l-impotenza tkun assoluta jew relattiva, izda biss jekk dik l-impotenza tkun tezisti qabel iz-zwieg."*

Illi wahda mill-elementi essenzjali fiz-zwieg huwa li jkun hemm relazzjonijiet intimi bejn il-koppja mmirati ghal prokreazzjoni tat-tfal. Jekk jonqos dan l-element, ghalhekk il-ligi taz-zwieg tikkontempla li dan ghandu jwassal ghal annullament taz-zwieg, pero' biss jekk jigu sodisfatti d-diversi kundizzjonijiet specifikati fil-ligi.

Illi l-ligi Taljana qabel ma giet emendata kienet tipprovdi fuq dan il-punt is-segwenti:-

*"Solo in presenza di due personalita' di grandissimo rilievo tale fusione potrebbe essere raggiuna prescindendo dal rapporto sesswale. L'impossibilita' della sua realizazzione importa, di regola, l'insorgere di tensioni, senz'altro contrarie all'ordinato svolgimento della convivenza e che nel migliore dei casi, danno luogo all'esistenza di un matrimonio di mera facciata."* **(*Finocchiaro*, Enciclopedia Del Diritto , Vol.XXV**, p.814).

Illi l-ligi nostrana ppreferiet taddotta l-kuncett ta’ mpotenza bhala raguni ghal annullament taz-zwieg skond id-duttrina tradizjonali taz-zwieg, u cjoe’ li l-att sesswali huwa wiehed mill-elementi essenzjali fiz-zwieg u dan kuntrarjament ghal kuncett applikat fil-ligi Franciza u l-ligi Taljana li segwew id-duttrina li l-att sesswali mmirat ghal prokreazzjoni tat-tfal mhux element essenzjali, izda huwa wiehed mill-elementi socjali li jgib mieghu z-zwieg.

Illi ma tezistix definizzjoni precisa tal-kelma *“impotenza”*, izda l-ligi Kanonika, kif ukoll civilisti maghrufa jiddistingwu bejn *“impotenza coeundi”* u *“impotenza generandi”.* ***Dr. Richard Galea Debono*** fit-tezi tieghu **“A Review of the Marriage Act, 1975 and its Implications”** jiddefinixxi din id-distinzjoni fis-segwenti mod:-

*“The former referring to that part of the sexual act which depends on the active participation of the parties and referring to the stages of intromission and insemination; and the latter, which is often referred to as sterility, involving the internal and involuntary (i.e not under the will’s control) biological processes which might lead to pregnancy”.*

*“The purpose behind this distinction was to limit the purport of impotence to impotentia coeundi and to debar the declaration of nullity of a marriage where the party affected was not impotent, but merely sterile. Thus it is possible for the female spouse to be potent i.e capable of copulation, but sterile owing to lack of ovulation”.*

Illi b’danakollu, l-**Att Dwar iz-Zwigijiet** ma jiddistingwix bejn *impotentia coeundi* u *impotentia generandi.* B’referenza ghal **artikolu 19 fl-Att Dwar iz-Zwigijiet** qabel ma saru l-emendi fl-1981, kien hemm dispozizzjoni *ad hoc* li kienet tirregola l-*impotentia generandi* u cjoe’ l-isterilita’. Pero’ din id-dispozizzjoni m’ghadhiex tezisti u ghalhekk wiehed jista’ jinterpreta l-**artikolu 19 (1) (e)** fis-sens li tillimita ruhha ghal *impotentia coeundi.*

Illi l-impotenza kif ikkontemplata fl-**artikolu 19 (1) (e)** trid tkun assoluta jew relattiva. L-impotenza hija assoluta

meta l-impotenza tal-parti hija relatata ma' kwalunkwe persuna. Hija relattiva meta l-impotenza tezisti biss fil-konfront ta' parti l-ohra.

Illi l-impotenza trid ukoll tezisti qabel iz-zwieg. F'dan il-kuntest gie stabbilit li huwa bizzejjed jekk l-impotenza tezisti mal-ewwel relazzjoni intima bejn il-partijiet. M'huwiex rikjest li jigi ppruvat li l-parti kienet impotenti fir-relazzjonijiet sesswali tieghu qabel iz-zwieg.

Illi l-attrici qed titlob l-annullament taz-zwieg taghha *ai termini* tal-**Artikolu 19 (1) (a)**. Mill-provi li pproduciet l-attrici jirrizulta li hi kellha d-dubbji taghha dwar din ir-relazzjoni taghha mal-konvenut. Kemm-il darba kienet deciza li titilqu, izda kull darba kien jheddidha li kien ser imur jaqbez jekk hi titilqu. L-attrici ssemmi diversi ncidenti fejn spikkat il-biza' taghha minhabba l-pressjoni li kien qed ipoggi fuqha l-konvenut. Fosthom kien hemm incident partikolari meta kellhom xi jghidu bil-kbir u l-attrici ddecidiet li titilqu. Sussegwentement ghal dan l-incident, il-konvenut hedded lill-attrici li kien ser imur jaqbez bil-karozza. Minhabba l-biza' li kellha li l-konvenut seta' jasal biex iwettaq dan il-pass, kienet regghet marret lura mieghu.

Illi l-konvenut minn naha tieghu kien jheddidha wkoll sabiex ma titkellimx fuq din il-pressjoni li kien qed johloq. Konferma dwar din il-vjolenza morali li kienet qed tigi ezercitata fuq l-attrici u l-konsegwenti biza' li wassalha sabiex tizzewweg lill-konvenut tigi wkoll minn omm il-konvenut. Gara li meta l-attrici saret taf li l-gharus taghha kien ta prokura lil ommu sabiex tamministra l-flus tal-bank tal-konvenut, l-attrici ghal darb'ohra regghet telqet lill-konvenut. L-attrici tispjega li l-konvenut u ommu kienu gew ghandhom sabiex jippruvaw jirrangaw, u dan minhabba li ommu kienet qed tibza' li l-konvenut seta' jnehhi hajtu b'idejh jew sahansitra jiehu xokk fuq ix-xoghol.

Illi minkejja li l-konvenut ma jikkonfermax dan il-fatt u lanqas ma tikkonfermah ommu, pero' l-Qorti taqbel mal-perit legali fl-evalwazzjoni taghha tal-provi prodotti fis-

sens li thoss li l-verzjoni tal-attrici, kif korroborata mix-xhieda tal-familjari taghha, hija aktar kredibbli u fic-cirkostanzi verosimili. Fil-fatt, fix-xhieda taghha Mary Borg, u cjoe' omm il-konvenut tikkonferma li kienet marret, flimkien ma' binha id-dar tal-familja tal-attrici sabiex tghidilha li kienu nehhew il-prokura.

Illi mill-fatti u mill-provi li ngabru jista' jinghad li dina l-pressjoni u biza' li ghaliha giet assoggettata l-attrici kienu jirrapprezentaw forza li wasslu lill-attrici sabiex taghti l-kunsens taghha ghal dan iz-zwieg. B'danakollu, jekk kenitx tasal sabiex taccetta li tizzewweg lill-konvenut hija kwistjoni ohra.

Illi jirrizulta li l-attrici kienet ikkundizzjonata mmensament min-nanna materna taghha sabiex tizzewweg lil Joseph. Dan il-fattur mhux ikkontestat mill-ebda mill-partijiet. In-nanna stess Angela Sammut tispjega li Melanie kienet saret thobb guvni Thomas, ghalkemm ma kenitx harget mieghu, izda kienet tiffrekwentah. Dan ma kienx guvni rakkomandabbli u l-istess nanna tiddikjara li kienu hadu r-ruh meta l-attrici bdiet tohrog ma' Joseph.

Illi l-attrici bla ezitu ta' xejn tistqarr li hi ma kenitx thobb lill-konvenut, izda apparti mill-element ta' biza' u pressjoni li kienet qed tghaddi minnu, kien hemm pressjoni kbira minn nannitha sabiex tkompli ir-relazzjoni ma' Joseph u titronka kwalsiasi kuntatt ma' Thomas. Pjuttost, l-esponenti thoss li dan l-element ta' pressjoni kien wiehed li kien aktar determinanti fid-decizjoni tal-attrici sabiex tizzewweg lill-konvenut.

Illi fi kliem in-nanna tal-attrici stess, jidher li Melanie, li bhala tfajla zghira, fl-ewwel esperjenza ta' mhabba, hasset bil-qawwa l-pressjoni li kienet qed issir min-nanna Angela, tant li dan il-fattur wassalha biex twettaq il-pass taz-zwieg – *"Inti ghandek x'tahti ghax jiena lil Thomas ridt. Inti tahti li jiena zzewwigt lil Joseph". (vide seduta tat-12 ta' Dicembru, 2001).*

Illi jidher ghalhekk li l-fatti kif spjegati jinkwadraw fl-ambitu tal-ligi *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (a)**. L-attrici giet

assoggettata ghal vjolenza morali kontinwa mill-konvenut tul l-gherusija taghhom u sabet li l-uniku rimedju sabiex tahrab minn din il-pressjoni kienet li ma tittronkax din ir-relazzjoni, ghalkemm b'biza' kbira, ghaliex kienet konxja tal-fatt li l-konvenut kien jasal biex jivvendika ruhu. Dan il-konvinciment kompla jissahhah min-nanna Angela Sammut. In-nanna kienet wasslet sabiex tikkonvinci lill-attrici li Joseph kien ir-ragel ideali u forsi dan l-istess konvinciment taffa parti mill-biza' tal-attrici, pero' fl-istess waqt holoq pressjoni akbar minhabba l-influwenza kbira li l-istess nanna kellha fuqha, tant li din l-insistenza kienet l-fattur determinanti ghall-ghoti tal-kunsens tal-attrici. Altrimenti, il-Perit Legali tosserva li minghajr din il-pressjoni tan-nanna Angela, sa fl-ahhar l-attrici kienet tasal sabiex teskludi z-zwieg. Il-Qorti taqbel in pien ma tali raggonament u taddotah u taghmlu taghha.

Illi l-perit legali llimitat l-kunsiderazzjonijiet taghha ghal l-ewwel parti tal-**artikolu 19 (1) (d)** u cjoe' *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha ….."*

Illi b'referenza ghal dak li diga' gie sottomess aktar 'il fuq, il-Qorti eziminat u evalwat jekk l-attrici u/jew il-konvenut taw kunsens li kien vizzjat fl-ambitu tal-**artikolu 19 (1) (d)** fuq citat.

Illi kif diga' gie stabbilit, id-difett serju fid-diskrezzjoni tal-gudizzju jrid ikun imnissel minn immaturita' affettiva u cjoe' immaturita' ta' tali serjeta' li twassal lill-parti sabiex ma tkunx fil-pussess komplet tal-fakultajiet kritiko-estimativi taghha sabiex tevaluwa u tqis x'inhu z-zwieg u d-dmirijiet u drittijiet li jgib mieghu l-istess zwieg.

Illi mill-provi li ngabru fuq dan il-kap ta' nullita', l-Qorti taqbel mal-perit legali li fil-kaz in ezami iz-zewg kontendenti kellhom kunsens vizzjat u dan minhabba diversi ragunijiet kif sejjer jigi spjegat. Fil-fatt t-tnejn li huma ltaqghu u zzewgu ta' eta' zghira. Ta' mportanza relevanti huwa wkoll il-fattur li t-tnejn li huma kienu qeghdin f'relazzjoni serja ghall-ewwel darba. Kienu

ghadhom qed iduqu l-ewwel frott ta' mhabba ta' zaghzagh li kienu, u kif gie kkonfermat mill-partjiet ma kienux ghadhom hargu ma' persuni ohra bi skop serju. Ghalhekk ftit li xejn kellhom esperjenzi ta' min kien ghalihom il-mara jew ir-ragel ideali ghaz-zwieg.

Illi pero', f'dan il-kaz partikolari, ir-relazzjoni bejn il-partijiet qatt ma kienet relazzjoni fejn kellhom iz-zmien jiskopru lil xulxin u lilhom innifishom. Iz-zwieg ma kienx decizjoni taghhom, izda decizjoni ta' kulhadd, specjalment u in partikolari l-familjari rispettivi taghhom. L-immaturita' fiz-zewg partijiet tispikka, partikolarment fil-kaz tal-attrici. Id-decizjoni ghall-gherusija u ghaz-zwieg kienet ta' omm l-attrici u tan-nanna taghha. Ghalkemm, kif diga' ssottolineat il-Qorti, l-attrici ma kenitx thobb lill-konvenut – u dan il-fatt hareg car mill-provi – baqghet biex izzewgitu minhabba l-pressjoni li kellha min-naha tieghu, tal-familjari tieghu, kif ukoll, mill-familjari taghha. Ghalhekk mill-bidunett din ir-relazzjoni ma kenitx wahda ntima bejn l-attrici u l-konvenut, izda kienet relazzjoni estiza bejn il-familjari tal-koppja.

Illi in verita' l-attrici stess tistqarr li *"hi kienet ghadha zghira u mmatura ghaz-zwieg".* L-attrici tispjega ukoll kif kienet ir-relazzjoni taghha, specjalment man-nanna taghha u dak li kienet tghidilha kien dejjem ben fatt. Qatt ma ppruvat tmeriha, minkejja li kienet taf li biz-zwieg kienet ser tidhol f'unjoni permanenti.

Illi l-konvenut jikkonferma wkoll li kien hemm ammont ta' mmaturita' fl-attrici u sahansitra anke waqt li kienet l-iskola kienu jafu li kienet imfissda minn ommha. Illi huma ta' rilevenza l-osservazzjonijiet li ghamlet l-istess perit legali li kellha l-opportunita' li l-istess partijiet u xhieda jixhdu quddiemha, u fil-fatt hija qalet hekk:-

*"L-esponenti tirrileva li tul il-gbir tal-provi, kemm il-konvenut kif ukoll l-attrici kienu jhallu lill-familjari taghhom imexxulhom hajjithom. Dan l-atteggjament jispikka tul l-gherusija, kif ukoll wara z-zwieg. Tul l-gherusija, il-koppja tikkonferma li kwazi qatt ma kienu johorgu wahedhom. Il-hrug dejjem kien jew mal-familja ta' l-attrici jew mal-familja*

*tal-konvenut. Altrimenti kienu joqoghdu d-dar. Id-decizjonijiet ghal 'engagement' u ghat-tieg kwazi gew imposti fuqhom mill-familja tal-attrici. Sahansitra fil-'honeymoon', il-konjugi ma thallewx bil-kwiet u spiccaw ghaddew dan il-perjodu ghand hbieb tal-familja tal-attrici, u l-istess familja kienet kontinwament in kuntatt maghhom".*

*"Fuq kollox, kemm l-attrici kif ukoll il-konvenut jaqblu li fil-mumenti li kienu jkunu wahedhom dan iz-zmien kien dejjem ikkaraterizzat bil-glied bejniethom. Meta sussegwentement inqalghu l-problemi fir-relazzjonijiet sesswali bejn il-koppja, ghal darb'ohra din il-problema ma baqghetx problema bejniethom, izda kellhom ideffsu l-familja, tant li l-problema aggravat".*

*"Tul il-perizja, l-esponenti osservat li r-relazzjoni bejn il-konjugi Borg kienet wahda differenti min-normal, izda pjuttost tipika tas-socjeta' Maltija. Ghalkemm kienu ghadhom zghar meta ltaqghu, lanqas inghataw nifs sabiex jiskopru lil xulxin u jekk kienux tajbin sabiex jibnu hajja flimkien. Minflok hallew lill-genituri u lill-familjari jindahlu u jmexxuhom bla qatt ma gieghluhom jgharfu li kienu l-genituri stess li kienu qed jikkagunaw u jikkrejaw hafna mill-problemi. Forsi dan jirrizulta minhabba l-istess immaturita' tal-koppja li hassew li hadd hlief il-genituri taghhom kien jixtiqilhom il-gid. Qatt ma nghataw l-opportunita' li joqoghdu bil-kwiet ghall-mument u jirriflettu fuq dak li verament xtaqu. Kienu decizjonijiet wahda wara l-ohra imposti fuqhom".*

*"B'danakollu, l-esponenti tikkundanna bil-qawwa lill-genituri tal-koppja tal-komportament taghhom fil-konfront ta' uliedhom, ghaliex kieku ma kienx ghal indhil taghhom dan iz-zwieg ma kienx isehh u lanqas ma kienu jghaddu mill-problemi li kellhom jaffaccjaw f'eta' zghira u l-mod kif agixxew in konfront ta' dawn il-problemi".*

Illi abbazi ta' dan kollu jirrizulta li kemm l-attrici u l-konvenut kellhom kunsens vizzjat minhabba difett serju fid-diskrezzjoni tal-gudizzju u dan kagun tal-immaturita' affettiva taghhom, u f'dan l-istat li kienu ma kienux kapaci

jaraw u jifhmu sew ghal x'hiex kienu dehlin tant li ma jistghax jinghad li kienu konxji tad-dmirijiet u drittijiet essenzjali taz-zwieg, u specjament naqsu li jaraw li kienu dehlin f'relazzjoni permanenti, peress li z-zwieg huwa indossolibbli, u din il-Qorti f'dawn il-konkluzjonijiet taghha ma taqbilx ma' dak li qalet l-istess perit legali a propositu fir-relazzjoni taghha,

Illi fil-fatt il-Qorti thoss li mill-kumpless ta' provi prodotti jirrizulta li l-partijiet izzewgu ghaliex hallew lill-genituri taghhom jiddeciedu ghalihom b'dan li huma hadu dan il-pass ghaliex kienu mbuttati jaghmlu dan mill-genituri rispettivi taghhom. Li wiehed jiehu parir huwa kollu sew, izda li l-insistenza tkun tali li telimina jew tivvizzja l-kunsens tal-parti jwassal biss sabiex il-kunsens ikun difettuz, u f'dan il-kaz hekk kien, ghaliex il-partijiet fil-kundizzjoni li kienu ma kellhomx id-deskrizzjoni necessarja, la li jiddeciedu ghal rashom u per konsegwenza ma kellhomx id-deskrizzjoni necessarja u libera sabiex jifhmu dak li kienu verament dehlin ghalih. Ghalhekk jidher li l-kunsens taghhom kien vizzjat abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255.**

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (e) tal-Kap 255** ghalkemm mill-provi kien jidher li kien hemm xi problemi dwar ir-relazzjoni sesswali bejn il-konjugi Borg, ma jidhirx li gie ppruvat dak li qed tallega l-attrici li l-istess konvenut kien impotenti. Kif diga' gie spjegat aktar 'il fuq, l-impotenza li qed taghmel referenza ghaliha l-ligi hija mpotenza *coeundi* u mhux *generandi,* fis-sens li l-impotenza trid tkun tali li l-konvenut ma setghax jaghmel l-att sesswali. Ghalhekk l-impotenza m'ghandhiex tigi nterpretata fis-sens li l-konvenut ma setghax jiggenera tfal.

Illi fil-fatt mill-provi li gew prodotti, ma jirrizultax illi kien hemm problemi ta' mpotenza fil-konvenut. Dan il-fatt gie kkonfermat mix-xhud Dr. Josanne Vassallo. Jidher li l-problema li kienu qed isofru l-koppja kienet wahda ta' *subfertility*, kif jispjega it-tabib Albert Scerri, fis-sens li l-konvenut kellu *sperm count* baxx u dan kien relatat ma' nfezzjoni li kellu. L-attrici min-naha taghha kellha problema ta' *cystic ovaries*, u ghalhekk ma kellhiex

*ovulation* regolari. Mill-provi l-esperti medici kollha kkonfermaw illi dawn il-problemi gew ikkurati medikament u ma kien hemm xejn x'jimpedixxi lill-koppja milli jkollhom tfal b'mod naturali.

Illi l-Qorti hawn tirreferi ghall-konkluzjonijiet tal-perit legali f'dan ir-rigward li kollha jikkonfermaw l-konkluzjoni fuq raggunta, u li l-annullament taz-zwieg fuq din il-bazi assolutament ma giex ipprovat.

Illi ghalhekk abbazi tal-provi prodotti jirrizulta li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jigi ddikjarat null u bla effett skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu (1) (a) u (d) tal-Kap 255** ghaliex il-kunsens tal-attrici kien ivvizzjat *stante* illi nkiseb bi vjolenza morali u kien rizultat ta' biza' da parti tal-attrici u *invece* l-kunsens tal-kontendenti kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu biss l-istess eccezzjonijiet huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

**1.** Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg ikkuntrattat fl-24 ta' Marzu 1995 mill-kontendenti huwa null u bla ebda effett fil-Ligi *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (a) u (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. Tordna li tali decizjoni ta' annullament taz-zwieg tigi hekk registrata fic-certifikat relattiv taz-zwieg premess bejn l-istess partijiet fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispjejjez tal-kawza jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------